**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 5 ta' Lulju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 42/2015 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv: 328/2000)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Marzu 2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala dok A;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali, u abbandun kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru;*

3. *Illi miz-zwieg twieldu erbat itfal ossia cioe' D ta' 21 sena, E ta' 13-il sena, F ta' 7 snin u G ta' sena u seba xhur u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikat tat-twelid (Dok B sa E).*

4. *Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jigi anness u markat Dok F.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess;*

2. *Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tal-erbat itfal ossia cioe' D ta' 21 sena, E ta' 13-il sena, F ta' 7 snin u G sena u seba xhur;*

3. *Tiffissa manteniment pagabbli lill-attrici ghall-erbat itfal minuri imsemmija;*

4. *Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili;*

5. *Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.*

6. *Tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv ta' qasma u kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eventwali kontumacja tal-konvenut.;*

7. *Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur l-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut CButtgieg, fejn eċċepixxa:[2]

1. *Illi r-rispondent jaqbel mat-talba li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan mhux ghal ragunijiet u htijiet imputabbli lilu, kif qed tippretendi r-rikorrenti, izda ghal ragunijiet u htijiet imputabbli lill-istess rikorrenti, kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

2. *Illi t-tieni talba u cioe dik li tigi akkordata l-kura u kustodja lir-rikorrenti hija legalment in sostenibbli fir-rigward ta' bint il-kontendenti li jisimha D in kwantu din hija maggorenni.*

3. *Illi in rigward tal-istess talba relattivament ghat-tliet ulied minuri E ta' 13-il sena, F ta' 7 snin u G ta' sena u seba xhur, l-eccipjen itenni li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta u l-awtorita parentali tibqa' vestita fiz-zewg genituri b'dan pero li l-eccipjent jaqbel u jaccetta li l-istess ulied jibqghu jirrisjdu mar-rikorrenti purke' li huwa jkollu dritt ta' access ampju u adegwat ghall-istess tliet ulied minuri.*

4. *Illi ghar-rigward tat-tielet talba u cioe dak li jigi ffissat il-manteniment ghat-tfal, l-eccipjent jirrileva li:*

   *(i) Binthom D mhijiex minuri u ghalhekk it-talba kif dedotta hija insostenibbli fir-rigward taghha;*
   *(ii) L-istess binthom D qieghda tghix barra u sar jaf ukoll li tinsab fi stat ta' gravidanza u certament bda manteniment m'ghandu jkun pagabbli ghaliha;*
   *(iii) L-esponenti jinsab f'pozizzjoni finanzjarja difficli hafna peress li x-xoghol tieghu naqas drastikament minhabba mizuri mehuda fil-konfront tieghu minn missier ir-rikorrenti, illi hadlu l-makkinarju u vetturi principali li huwa kien jahdem bihom u ghalhekk, ghalkemm manteniment naturalment huwa pagabbl, dan ghandu jkun skond il-*

[2] Fol. 24.

*mezzi limitati tar-rispondent;*

5. *Illi fir-rigward tar-raba' talba ir-rispondent itenni li m'hemm ebda raguni valida skond il-ligi sabiex is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili, inkluz dawk kontemplati fl-artikolu 48 jigu applikati fil-konfront tar-rispondent;*

6. *Illi r-rispondent jaqbel mal-hames talba u cioe dik ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assenjazzjoni taz-zewg porzjonijiet liz-zewg partijiet rispettivament pero minghajr l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet msemmija fir-raba talba;*

7. *Illi s-seba' talba ma taghmel ebda sens la kif dedotta –ghaliex f'din il-kawza m'hawnx 'konvenuta' u lanqas 'attur' – u lanqas ma taghmel sens fil-meritu jew is-sustanza taghha ghaliex m'hemm ebda raguni skond il-ligi ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanna lir-rispondent biex jghaddi (u certament mhux jirrestitwixxi, ghax ma jirrestitwixxi jfisser li qed izomm il-proprjeta ta' haddiehor ) il-proprjeta parafernali tieghu lir-rikorrenti u talba bhal din mhi msejsa fuq ebda provvediment tal-ligi.*

8. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru 328 tas-sena 2000;[3]

Rat id-digriet tas-17 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u konsegwentament awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini stabbiiti mil-liġi;[4]

Rat in-nota tal-attriċi tal-24 ta' Marzu 2015, in ottemporanza mad-digriet tad-9 ta' Marzu 2015, fejn elenkat il-pretensjonijiet tagħha fir-rigward: (i) tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, (ii) il-kura, kustodja u aċċess tat-tfal, (iii) manteniment għat-tfal, u (iv) komunjoni tal-akkwisti;[5]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

---

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 10.
[5] Fol. 19.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit Legali Dr Anna Mallia,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Anna Mallia, ippreżentat u maħluf nhar it-3 ta' April 2019;[7]

Rat id-digriet tat-2 ta' Awwissu 2019, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi u ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili kkonvertiet it-talba għas-separazzjoni personali għall-ħall taż-żwieġ;[8]

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti għall-istess;[9]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi,[10] u dik responsiva tal-konvenut;[11]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[12]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' riassunt tal-verżjoni tal-partijiet, tal-provi kollha mressqa minnhom u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

## 1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Anna Mallia ġiet maħtura għal tali skop fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2015,[13] fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din żammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, hija

[6] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2015, a fol. 27.
[7] Fol. 681.
[8] Fol. 783.
[9] Fol. 753, 756, 774, 777.
[10] Fol. 853.
[11] Fol. 863.
[12] Fol. 892.
[13] Fol. 27.

kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

***Dokumenti esebiti***

| | |
|---|---|
| *Dok A fol 5* | *certifikat taz-zwieg* |
| *Dok B sa Dok E fol 6et* | *certifikati tat-twelid ta' ulied il-partijiet* |
| *Dok F fol 10* | *awtorizzazzjoni biex jipprocedu b'kawza* |
| *Dok A fol 41 et* | *kuntratt ta' akwist tal-maisonette tat-28.2.2001 atti Nutar Dottor Anthony Abela* |
| *Dok B fol 46 et* | *sanction letter tal-bridge loan bix xtraw id-dar matrimonjali* |
| *Dok C fol 52 et* | *l-garanzija tal-genituri taghha ghas-self mal-HSBC* |
| *Dok D fol 56 et* | *kuntratt ta' akwist tad-dar matrimonjali fil-Bahrija 20.4.2006 atti Nutar Dottor Victor John Bisazza* |
| *Dok K fol 79 et* | *kuntratt tas-27.4.2007 atti Nutar Dottor Naomi Micallef Mugliette bjegh ta' maisonette li tinsab 47 sunset View Triq il-Fiergha Bahrija* |
| *Fol 127 et* | *rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea* |
| *Fol 146et* | *korrispondenza bejn l-avukati* |
| *Fol 149* | *ircevuti ta' spejjez ta' edukazzjoni u sahha minn Sttembru 2015 sa Frar 2016* |
| *Fol 150 et* | *rapport li l-attrici ghamlet fl-ghassa tal-pulizija* |
| *Fol 153 u 154* | *certifikat mediku u rilaxx ta' certfikat minn Mater Dei meta hija kellha ddahhal lit-tifel Jake l-isptar wara l-access* |
| *Fol 158et* | *spejjez edukazzjoni u sahha mil-bidu ta' Maru 2016 sal-ahhar ta' April 2016* |
| *Fol 190 et* | *rapport tal-avukat tat-tfal Dr Tanya Sammut* |

***Dokumenti esebiti seduta 20 ta' Novembru 2015***

| | |
|---|---|
| *Dok X* | *ezenzjoni tal-genituri tal-attrici lil Hdbc (Malta) plc* |
| *Dok HSBC 4* | *statement tal-kont f'isem O P tas-sena 2006* |
| *Dok ETC1 u ETC2* | *employment history sheet tal-partijiet* |

***Dokumenti esebiti fis-seduta tal-15 ta' April 2016***

| | |
|---|---|
| *Dok JP.* | *Rapport tal-investigazzjoni maghmula minn Q R ghan-nom ta' Protection Services (Malta) Limited* |

***Dokumenti esebiti fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016***

| | |
|---|---|
| *Dok HSBC (i)* | *din giet mil-Lombard Bank minn bejgh ta' proprjeta li tinsab 51 La Mirage Triq il-Kwarta Swieqi u dahlet fil-kont ta' S & D B u* |

| | |
|---|---|
| | *kkonfermaw li huma Cu A B u l-proprjeta fis-Swieqi kienet ta' O u S konjugi P.* |
| *Dok HSBC (ii)* | *deposit slip li turi li c-cheque depozitat kien ta' Lombard Bank fl-ammont ta' LM95,165.55c;* |
| *Dok HSBC (iii)* | *l-form B li turi li l-ipoteki fuq La Mirage gew kancellati u din hija datata l-ewwel ta' Gunju 2006;* |
| *Dok HSBC (iv)* | *s-sanction letter.* |
| *Dok DB (a)* | *ittra interpellatorja mibghuta mill-attrici lil avukat tal-konvenut biex ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.* |

***Dokumenti esebiti fis-seduta tal-5 ta' April 2017***

| | |
|---|---|
| *Dok TA1* | *l-pagament ta' LM1570 lin-Nutar Victor Bisazza li thalsu minnu* |
| *Dok TA2* | *kopja tac-cheque dwar il-kuntratt tad-dar fil-Bahrija li joqghodu fiha fil-prezent.* |
| *Dok TA3* | *kuntratt tal-istess dar.* |
| *Dok TA4* | *ittra li tikkonferma li thalset ir-registration minnu* |
| *Dok TA5* | *ic-cheque tal-hlas li sar minnu lil min biegh d-dar fl-mmont ta' LM15,200 bhala deposit.* |

***Dokumenti esebiti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2018***

| | |
|---|---|
| *Dok IG 1* | *Form B fejn gie waived l-proprjeta Lar Mirage f'isem l-partijiet u juri li l-loan ta' CB bil-bejgh ta' La Mirage lbank qata LM95,165.55c dejn.* |
| *Dok IG 2* | *l-cancellation tal-genituri tal-attrici O u S konjugi B* |
| *Dok IG 3* | *sanction letter ta' LM95000 fi bridge loan li juri li l-laon kien suggett ghal bejgh ta' La Mirage.* |
| *Dok AMB 1* | *kont intesta f'isem O P fis-sena 2006* |
| *Dok AMB2* | *statement kont bankarju kongunt bej l-partijiet li nftetah fl-20 ta' April 2006 u huwa mortgage loan* |
| *Dok AMB3* | *kont kurrenti f'isem l-attrici mal-HSBC (Malta) plc* |
| *Dok AMB 4* | *kont kurrenti f'isem l-konvenut mal-HSBC (Malta) plc* |
| *Dok Bov A sa BOV 3* | *tlett kontijiet f'isem il-mara mal-Bank of Valletta* |

***Dokumenti esebiti fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2018***

| | |
|---|---|
| *Dok X* | *kopja tal-bank vouchers tad-depositi li saru fil-loan account numru 13529288 f'isem il-partijiet mid-29 ta' Ottubru 2014 sat-28 ta' Awissu 2018* |
| *Dok XX* | *voucher li turi li O P hallas f'dan il-loan account* |
| *Dok HSBC Y* | *statement tal-kont f'isem O P kont numru 085000909001 tal-21 ta' Awissu 2006* |
| *Dok HSBC Z* | *statement tal-loan account kollu ta' Dok AMB2 u l-entrati* |

| | |
|---|---|
| *HSBC ZZ* | *saction letter tal-loan HSBC Z ta' LM30,000* |
| *Dok DBX 1* | *kuntratt 20 ta' April 2006 atti Nutar Dottor John Bisazza* |
| *Dok DBX 2* | *kuntratt 20 ta' April 2006 atti Nutar Dottor John Bisazza* |
| *Dok DBX 3* | *sancion letter tat-28 ta' Ottubru 2005* |

***Dokumenti esebiti seduta 24 ta' Ottubru 2018***

| | |
|---|---|
| *HSBC (a)* | *kont numru 14120038 f'isem il-partijiet* |
| *HSBC (b)* | *statement u sanction letter* |
| *HSBC ( c)* | *sanction letter rigward kont numru 13529288* |
| *HSBC (d)* | *statement u ittra li nqalbu interes only* |
| *HSBC ( e )* | *sanction letter u kont 19360066* |
| *HSBC (f)* | *konvenju ta' meta l-partijiet kienu ser jixtru il-maisonette u l-garage fil-Bahrija* |
| *HSBC (g)* | *l-Form B fuq HSBC (b)* |
| *HSBC (h)* | *form B li turi li l-fond Delasras 47 Triq l-fiera Bahrija gie released mil-bank.* |

*Fil-31 ta' Ottubru 2018 l-attrici pprezentat fir-registru zewg noti b'diversi dokumenti sabiex tipprova l-kreditu parafernali taghha.*

*Provi*

*Fl-affidavit taghha* ***l-attrici*** *(fol 28 et) xehdet li hija iltaqghet mar-ragel meta kien ghad kellha tlettax-il sena u ta' erbatax harget tqila u kellha t-tifla l-kbira D. Ghalkemm akbar minnha zewgha ma kienx jugu interess fit-tifla u ghamlu zmien matul il-gimgha jghixu ghand ommha u fil-weekend ghand ommu Bingemma. Dak iz-zmien ma kienetx issuq u meta t-tifla jkollha bzonn tabib u tghidlu biex iwassalha kien jghidilha li ghandu x'jaghmel. Mhux l-ewwel darba li kienu jwasluha l-genituri taghha il-policlinic bit-tifla biex jaraha tabib. Darba fost l-ohrajn anke missier beda jirrabja u qallu li bhala missier ghandu jitlaq kollox u jmur hu izda kellu jwassalha missieru ghax hu kellu x'jaghmel.*

*Zewgha kien jahdem tellar il-Marsa u jispicca fl-4pm. Wara x-xoghol kien jerga jmur jahdem fuq l-karozzi u kienet tmur hdejh ghax kienet tkun l-gurnata kollha wahedha u meta tibda tkellmu dwar kif kienet il-gurnata tieghu jew x'ghamlet gdid it-tifla kien jghidli li tghid hafna u li haditlu rasu.*

*Meta t-tifla ghalqet tlett (3) snin u ftehmu li l-genituri tieghu jmorru jieklu ghandha ommha huwa filghodu telaq il-garax u ma marx ghall-ikla. Tard filghaxija mar d-dar qisu xejn mhu xejn u qallha li kellu hafna x'jaghmel. l-ghadha cemplitilha ommu u qaltilha li kien inkwetat ghax kellu zebgha ta' karozza li bdiet thabtu ghax m kienetx taqbel.*

*Huwa ried jizzewweg fi zmien erba (4) xhur u r-raguni kienet 'biex jaqla ftit flus'. Xahrejn qabel it-tieg kienu ser jhasru kollox ghax xi hadd kien qal lil ohtha T li kienu rawh ma' wahda*

*l-Imgarr izda huwa cahad dan. Huwa fit-tieg ma riedx jilbes suit, ma riedx video u lanqas ritratti, lanqas kien jaghmel l-kors ta' Kana izda minn hawn u minnhemm ommu irnexxielha tikkonvincieh. Dakinhar tat-tieg ommha qaltilha li ghaddiet taghha izda kellha ggiblu l-hwejjeg go basket biex ibiddel.*

*Ghal honeymoon huwa ma ried imur imkien u qallha li b'sehmu ha jixtri tyres ghall-Escort li kien qed jarma. Hija b'sehma marret tlett ijien l-Ingilterra tara kuncert ma' ohtha u meta waslet lura hua beda jheddidha li ser johdilha l-passaport ghax kienet hliet il-flus. Ghalhekk il-honeymoon qattghetu ma' ohtha.*

*L-attrici tghid li lit-tfal kull sena tkun tixtieq taghmlilhom festin zghir ta' gheluq sninhom mal-familja u hija tiehu hsieb tipprepara l-ikel hi biex tiffranka l-flus. Jekk huwa kien jghaddilha hamsin lira (LM50) ghall-ispejjez wara l-festin kien jiccekja x'qalghu flus it-tfal u jiehu lura l-flus li jkun hareg u d-differenza jinqasmu bejniethom it-tnejn. Huwa ma kienx irid li l-flus jintuza ghal bzonnijiet tat-tfal jew li jintefghu l-bank ghat-tfal. Huwa kien imur dejjem kwarta qabel kull okkazzjoni jinhasel u ma jghinha xejn.*

*Meta twieled it-tielet wild F u infaqghalha l-ilma hija nizlet fil-garage tqajmu fejn kien rama sufan u television u kien joqghod jara t-television ma' shabu u anke jorqod fil-garage, huwa beda jirrabja meta qaltlu biex igorr il-basktijiet tal-isptar u kien anke ried jilbes shorts biz-zejt. L-isptar huwa raqad u qam ftit minuti qabel twieled F u wara ftit telaq ghax qal li ma kellux ghalfejn jibqa hemm. L-ghada mar ghaliha l-isptar wassalha id-dar u wara ftit telaq il-garage ghax kellu x'jaghmel.*

*Il-problemi f'dan iz-zwieg kienu ma jaqtghu xejn – tigijiet dejjem b'xi skuza li jkun marid u jkollha tmur wahedha jew ma jmorru xejn; mhux l-ewwel darba li tkun ftehmet ma' ommha biex izzommilha t-tfal ghax ikollhom xi tieg, tilbes u tlesti u jitilqu kwarta wara li waslu t-tieg ghax jiddejjaq u anke gieli ma dahlux ghax ma jsibux parking vicin; hin mat-tfal ma kien iqatta xejn; rari kien ikun d-dar ghax jitlaq kmieni filghodu u jigi wara l-ghaxra ta' bil-lejl (10pm) meta t-tfal ikunu ga reqdin. Anke jekk ikunu mqajmin lanqas kien ikellimhom. It-tfal jifirhu meta jarawh u kulhadd irid jghidlu tieghu u hu kien jghidilhom 'awtagha kemm tghidu qiskom ommkom.'; baha ma kienx imur maghhom; ommha u missierha ghandhom dar Ghawdex fil-pool u huwa ma kienx imur maghhom anzi jghidilha biex lilu thallilu l-hwejjeg u l-laham u tista ddum kemm trid. Meta tigi lura ssib l-platti li jkun qalha kollha mahmugin; parents' day ma kienx imur u lanqas l-kuncert tal-Milied fl-ahhar sentejn huwa mar ta' F izda jmorru b'zewg karozzi separati ghax kien jigi ezatt kif ha jibdew; meta tghidlu li t-tfal ma jridux jaghmlu l-homework kien jghidilha biex jekk ma jridx jaghmlu ma jghamlux ghax hu ma kienx jaghmlu; meta kellhom l-computer bil-hsara ma riedtx jirrangah ghax skond hu t-tfal ma ghandhomx bzonnu.*

*L-attrici tkompli tixhed li darba minnhom F meta kellu tlett snin kellu bidu tal-attakk tal-croup u fis-saghtejn ta' filghodu (2am) bdiet tara li t-tifel ghandu nifs hazin u meta qalet lir-ragel biex jiehduh l-policlinic tal-Mosta huwa qallha biex thallih jorqod ghax sa filghodu jghaddilu.*

*Hija kellha tmur wahedha u mnalla ghax ghamlulu n-nebulisor bil-ventolin u qalulha biex filghodu jerga jmur.*

*Meta l-kbira kienet tahdem tas-Sliema u tibda xoghol fis-sebgha ta' filghodu (7am) kienu ftemhu li missierha jwassalha qabel jibda x-xoghol fil-garage ta' missier l-attrici izda mhux l-ewwel darba li kien jghidilha li ma ghandu aptit iwassalha u kien ikollha twassalha hi. Darba minnhom wara x-xoghol fis-7pm bintha rat lil missierha ghaddej minn hemm u ma waqfilhiex u meta saqsietu huwa kkonferma dan u qallha ma waqafx ghax ma kellux aptit jieqaf u li hija u ma cemplitlux biex imur ghaliha u baqa sejjer. Meta t-tifla wegghet fuq ix-xoghol fis-saghtejn ta' wara nofsinhar (2pm) huwa rrifjuta li jehodha l-policlinic ghax ma riedx jaghlaq il-garage u kellu jehodha missier l-attrici.*

*Lanqas id-dar ma kien imidd idejh f'dak li jinqala u lanqas paga qatt ma taha. Kienet tghaddi bir-relief u xi flus li kienet taghtiha ommha. Hija marret tahdem part time ma' missierha u kellha xi LM100 fix-xahar dawn il-flus kienet tuzahom ghal bzonnijiet ta' kuljum u kellha tieqaf tahdem ghax skond hu kienet qed tmur ghal xejn ghax LM100 kienu ftit. Kien jghaddilha hamsa jew ghaxra ewro biex taghmillu laham chips u bajd ghax dawk kien ikun irid u meta kienet tghidlu li biex titma lil kulhadd plat ghagin tista taghmel b'dawk il-flus huwa kien jghidilha biex lit-tfal titmaghhom hobz u butir. Hija kienet tispicca iddur ghal karus tat-tfal jew iggib skuza lil ommha li nsiet il-portmoni waraha d-dar u ommha kienet issellifha xi haga tal-flus. Ommha ma kienetx generalment trid il-flus lura. Lanqas biex taghmel xirja s-supermarket kien jghidilha li ma ghandux flus. U meta kienet tarali l-kartiera mimluja flus kienjghidilha li dawk biex jixtri l-parts tal-karozzi. Hija kienet taghmel xirja sew meta kienet tircevi l-allowance tat-tfal. Meta kinet iccempillu biex tara x'hin gej biex tlestilu l-ikel hafna drabi kien jghdilha li ma kellux aptit jirrispondi l-mobile u gieli gie fil-11pm jew nofsinhar u kienet tqum issajjarlu huwa jghidilha li kien lest gha kien ha take away u li l-ikel li lestietlu kien ser jieklu breakfast.*

*Mhux dejjem kien ihallilha l-flus qabel imur ghax-xoghol u kien ikollha tmur il-garage fejn jahdem ghalihom u kien jghaddilha ghaxar ewro u meta tghidlu li b'dawn ma tista taghmel xejn kien jghidilha li dawk hemm.*

*Huwa ma riediex tahdem u xi tlett snin ilu gietha l-idea li tibda taghmel il-kejkijiet mid-dar biex taqla xi haga ghal familja u meta qaltlu li ghandha bzonn magna biex thawwad il-kejkijiet huwa qallha biex tghid lil missierha ghax ma kellux flus. Din swiet mitejn u hamsin ewro u l-genituri taghha tawha mitt ewro biex tixtri l-affarijiet biex tibda, xtrawlha form ghax beda jaqta s-salvavita, cooker ghax beda jaghmel riha ta' gass.*

*L-attrici tkompli tixhed fl-affidavit taghha li ghamlet ghaxar snin titghallem tpingi u dejjem kien imaqdar ix-xogholijiet ta' tpingija taghha.*

*It-tifel F kien ihobb jarma l-karozzi bil-logo bricks u kien jistenna lil missieru biex jurihomlu izda missieru meta t-tifel isaqsih ghogbitux kien jirrispondi qisek ommok kemm tghid. Anke meta r-ragel kien imur Hal Far bil-karozza ma riedhiex tmur mieghu ghax kien jghidilha*

*hemmhekk ghall-irgiel biss. Darba minn minnhom kienet sejra ohtha u huwa qallha li ohtha mhix sejra u imbaghad hija rat ir-ritratti fuq il-facebook.*

*Meta hija bdiet tahdem ma kienetx tlahhaq mal-facendi izda kienet issajjar xorta avolja xi drabi ma kienx jiekol jew jiekol mil-hanut jew imur jiekol minn barra. Hija bdiet taht fir-restaurant ma' ohtha l-Bahrija u t-tfal kienet tehodhom maghha matul il-gimgha u fil-weekend ommha kienet toqghod maghhom id-dar taghhom.*

*L-attrici tghid li l-inkwiet qisu f'Settembru 2012 meta zewgha beda jgerger li ma jsiebhiex id-dar ghax kienet tkun xoghol. Huwa ma baqghax jaghtiha flus meta bdiet tahdem, huwa kien ihallas il-loan u l-kont tad-dawl u l-kumplament kollox thallas hija. Hija hasbet li ghax missieru kien marid f'liema zmien hija kienet tmur tghid lil ommu wkoll. Meta miet missieru beda jaghtiha ghax-xorb. Kien hemm hafna incidenti bejniethom fosthom li jsakkarha barra mil-kamra tas-sodda anke meta kient tqila u kien ikollha torqod fuq is-sufan, u li anke uriha sikkina kbira li kien izomm fil-vann.*

*Bil-flus li kienet taqla kienet tixtri heater tal-gaz, geyser zghir ghal kcina u affarijiet ghad-dar u ghat-tfal.*

*F'Settembru 2012 hija ssugeriet li jmorru counsellor Ta Kana izda huwa rrifjuta li jmur. Bejn Settembru u Novembru ma kienux jitkelmu sew. Darba minnhom marru jiltaqghu ma ohtha f'bar ir-Rabat u siker u beda jaqbad ma' ohtha u qallha biex torqod maghhom. Xahar wara hija harget tqila u huwa qallha li t-tarbija mhux minn tieghu u meta waslet biex twelled iz-zghir huwa saqsiha "Tahseb tlesti sas-2pm ghax irrid immur nigbor cheque?" it-tifel twieled fis-1.40pm u fis-2pm telaq u mar ghaliha l-ghadha biex jehodhom id-dar.*

*Lejliet il-pracett ta' Jake ried jiehdu jixrob ma' shabu u hija rrifjuta u dakinhar tal-pracess huwa ried jilbes il-jeans u s-safety shoes. Fejn kullimkien kien imur bil-karozza huwa ried imur bil-mixi u fil-Knisja ried joqghod hdejn siehbu u mhux bilqeghda wara t-tifel kif jaghmel kulhadd. Beda jhoss is-shana u f'daqqa wahda qabad jinza l-ingravata u sabbatha f'idejn ommu li kienet bilqeghda warajhom u beda jghidilha li ha jitlaq l-barra ghax xebgha. Beda jgholli lehnu u hija ma kelmitu xejn u wara l-quddiesa mar ipejjep u lanqas ritratt ma ha mat-tifel ghax il-photographer lahaq telaq. Wara c-cerimonja hija kienet xoghol fir-restaurant u huwa mar jixrob ma' shabu l-Gnejna u ha lil F it-tifel mieghu.*

*Anke meta kienet taghti breastfeeding liz-zghir zewgha kien ikun irid ikollu x'jaqsam maghha u ma kienx ikun ihalliha tlesta mit-tifel ghax l-aqwa li jinqeda huwa.*

*Zewgha ghamel vasectomy u qallha li kien ihossu ta' sittax. Meta ghamlet party tal-pracett lit-tifel fl-Imnarja 2014 u spicca kollox huwa telaq u lanqas ghidnha tizbarazzah u wara saret taf li kien fuq facebook ihalli kummenti lil H I.*

*F'Lulju 2014 zewgha baghtilha sms biex tara x'ghandhom jaghtuh lil missierha tal-insurance u l-licenzja tal-van li kien dejjem hallas missierha. U f'nofsilejl ohtha infurmatha li rat lil*

*zewgha bil-karozza Toyota Land Cruiser ma' tfajla b'xagharha twil iswed rieqba mieghu. Ghamel tlett gimghat minn dakinhar jorqod fil-kamra tat-tifel F ghax qallha li ried jorqod wahdu komdu. Fit-3 ta' Lulju 2014 fejn qatt ma ried jiehu t-tfal Hal Far ha lit-tifel F u meta saqsietu kif mar Hal Far it-tifel qallha "kien hemm dik" cioe H I gewwa bil-BMW tistenniha jisimha 'J' u bdiet issuq hi u fit-triq bdew jixorbu l-birra u jpejpu fil-karozza u bdew jiskidjaw u ghamleu drifting bhala ta' Fast and Furious. Huwa qalha li habat rasu tlett darbiet mat-tieqa ghax eda jaqa minn fuq is-seat ghax kellu n-naghas.*

*Hija marret il-hanut tal-Confectionery u saqsiet lil K l-mara ta' J L li ghandu l-BMW u qaltlu li zewgha tah hamsin ewro talli wassalhom u gabarhom mill-ariport u wara saret taf li dawn il-flus kien qasamhom ma' H I sid il-BMW. Meta ssaqsih fejn ikun bil-lejl wara li jidhol tard fit-tlieta ta' filghodu hu kien jghidilha biex ma tindahalx. Meta kkonfrontatu b'H zewgha qallha li dik mechanic, tidghi titkellem hazin kiesha u tixrob l-Heineken daqs ragel.*

*Fl-10 ta' Lulju 2014 cemplitlu H sakemm hija marret tixtri u qaltlu li sabet iz-zarbun tat-tifel F. Fit-12 ta' Lulju 2014 marret biz-zghir Bingemma u meta marret lura d-dar huwa dam xi hames minuti biex fetilha u meta qaltlu li ghandha bzonn tuza l-computer biex tara xi kejkijiet huwa ma hax gost u sabet video li kien baghat fuq private message lil din H u gab kull skuza li kellu bzonn jitfi l-computer.*

*Fit-23 ta' lulju 2014 huwa xtara karozza gdida BMW u qallha li t-tifel ta' kugintu ma kienx bilghaqal u huwa kellu jigbor xi flus minghand zitu u taghtu din il-karozza mentri fil-party tat-tifel iz-zghir zewgha beda jghid lit-tifel ta' ohtha M u quddiem missierha li l-BMW xtrah 2,200 ewro minghand zitu N. Huwa baqa jidhol tard id-dar bil-lejl u lanqas jaghti kaz it-tfal.*

*In kontro-ezami (seduta 14.12.2016) l-attrici kkonfermat li zewgha ma kienx jiehu interess fit-tfal u li huwa kien jiehu hsieb il-gnien izda mhux lit-tfal. Zewgha dixxiplina d-dar ma kienx izomm u tichad li hija jew missierha kienu jwaqqghulu l-kelma. Hija tammetti li meta kienet tkun tqila kienu jmorru privat ghand Josie Muscat u jhalsu darba kull wiehed. Hija kienet issajjar darbtejn kuljum u kien jiehu take away ghax l-ikel ma kienx joghgbu. Hija tichad li lit-tfal kienet titmaghhom cereal u cereal ghal breakfast kienu jiehdu anzi zewgha meta jsajjar fenek isajjar tlett bicciet fenek ghalih biss.*

*Hija tichad li t-tfal kienu jaharbu mid-dar u jsibuhom l-bandli; it-tfal kienu jkunu l-hanut u jmorru faccata jilghabu fil-bandli u tichad ukoll li zewgha kien jghaddilha l-flus biex tixtri l-ingredjenti ghal kejkijiet. Missierha kien jaghmilha x-xirjiet. Zewgha l-Hadd kien jahdem sal-5pm u fost il-gimgha sa nofs il-lejl. Lit-tfal kienet thallihom ma' ommha jew mal-kbira li kellha tmintax-il sena. L-incident tac-cip pan kien li sakemm hija marret titri t-tifel li kellu 13-il sena kien qala fic-chip pans u rrabjat mieghu.*

*L-attrici tichad li hija kienet abbandunat id-dar matrimonjali ghalkemm tammetti li kien hemm drabi li ma kienetx tlahhaq l-facendi pero lit-tfal dejjem hadet hsiebhom. Hija tichad li familtha kienet tigi qabel ir-ragel u li d-dar kienet kazin ghal familja taghha. Ma kienx regolari li kienu jiehdu shower fid-dar taghha u veru li ommha kienet tmur ghandha izda qatt ma raqdet*

*fis-sodda taghha. Hija tammetti li zewgha kien jilmenta dwar dan. L-argumenti li nqalghu bejn il-konvenut u l-familja taghha kien lejn l-ahhar meta beda jidhol fl-erbgha ta' filghodu.*

*Paga kellha mhux aktar minn 100 ewro fil-gimgha u kienet tuzahom ghal hajja u hija kienet tircevi c-children's allowance. Zewgha kien ihallas il-house loan u l-life insurance tieghu li waqaf ihallashom ukoll.*

*A **fol 61 missier l-attrici O P** xehed li l-konvenut kien jaghmel xoghol ta' mechanic, sprayer u tellar fil-Fortizza ta' Bingemma mikrija lil genituri tieghu izda ta' Heritage Malta ma hallewhx u missieru talbu biex ihalli juza l-garage li kien kera l-Gzira sakemm ilesti zewg karrozzi li l-konvenut kien qabad jahdem fuqhom. Fil-garage kellu l-karozzi li kienu jinkrew ghat-tigijiet u poggihom fil-garage tad-dar izda wara li lesta dawn il-karozza l-konvenut gab karozzi ohra u l-garage baqa jahdem fih u huwa ma kienx izomlu kera. Izda huwa baqa jhallas il-kera li kellu tal-garge minghajr ma jitlobhom xejn biex jghinhom.*

*P xehed li kien xtara truck Isuzu low loader biex igorr karozza li kellu u li kien itellaq biha u l-konvenut beda juzah biex jaghmel xoghol ta' towing ta' vetturi. Licenzji u insurances ihallashom hu izda juzah l-konvenut u qatt ma jhallas xejn. Dan ghamlu biex huma ma jbaghtux. Anke l-karozza Toyota Landcruiser li kellu kien juzaha l-konvenut ghax gablu skuza biex johrog bit-tfal bih u l-istess insurance u licenzja kollox kien ihallas hu u l-konvenut ma jhallas xejn.*

*Hu kien minghalih li kollox kien sew bejniethom u kien biss meta bintu U qalet lill-attrici li rat lil konvenut ma' wahda ghaddej bil-karozza tieghu tas-Sliema li l-attrici fethet qalbha maghha u qaltilha bil-problemi ta' bejniethom. Ix-xhud jghid li maintenance fid-dar tal-partijeit kien jaghmlu huwa ghax l-konvenut dejjem bl-iskuzi li kellu x'jaghmel u ma kien jaghmel xejn fid-dar. Huwa jiftakar l-incident ta' meta t-tifla l-kbira D wegghet fuq ix-xoghol u kellu jmur ghaliha huwa ghax il-konvenut kien qal li ghandu x'jaghmel.*

*Okkazzjoni ohra huwa kellu hill climb tal-karozzi l-Imtahlet u l-attrici qalet lil konvenut biex iwassal it-tifel F biex joghod mieghu cioe max-xhud peress li jhobb isegwi l-hill climbs izda l-konvenut irrifjuta u kellu jmur ghalih huwa.*

*Huma qabdu li certu Q R biex jaghmel ghassa lil Cu irrizulta li l-konvenut kien qieghed iqatta hafna hin ma' din H u dan anke fil-prezenza tat-tifel F li kien qallhom li missieru kien ikun ma mara gewwa Hal Far bil-karozza taghha u li skond it-tifel din kien jisimha J.*

*In kontro-ezami (seduta 3.4.2017) missier l-attrici pprezenta l-invoice Dok TA1 li juri l-pagament ta' LM1570 lin-Nutar Victor Bisazza li thalsu minnu u Dok TA2 kopja tac-cheque. Dan dwar il-kuntratt tad-dar fil-Bahrija li joqghodu fiha fil-prezent. Huwa pprezenta wkoll Dok TA3 kuntratt tal-istess dar; Dok TA4 ittra li tikkonferma li thalset ir-registration minnu; Dok TA5 ic-cheque tal-hlas li sar minnu lil min biegh d-dar fl-mmont ta' LM15,200 bhala deposit.*

*In kontro-ezami (seduta 13.3.2017) missier l-attrici jammetti li t-tifla kienet tahdem part time maghhom l-Avis u kienet taghmel erba sieghat kuljum minhabba li kellha t-tifla. Ghalih iz-zwieg kien kollox sew ghax bintu ma kienetx titkellem u huwa ma kienx induna qabel ma bintu qaltlu bil-problemi ta' bejniethom. Huwa jikkonferma li t-tfal qatt ma kienu bil-guh jew bi hwejjeg imqattghin u sar jaf li martu kienet tghinha finanzjarment. Fl-affidavit tieghu dak li xehed dwar il-komportament tal-konvenut dan skond kif qaltlu l-mara. Il-private investigar huwa hallasha. Huwa ra ritratti tal-konvenut ma' H. Huwa kien iqis lil konvenut bhala ibnu u dak li semma fl-affidavit dwar it-tifla l-kbira tal-partijiet l-incident ta' fuq li stage huwa kif qalet D u meta D wegghet fuq ix-xoghol jafu ghax l-attrici cemplitlu biex imur ghaliha ghax qaltlu li r-ragel kien xoghol.*

*A fol 64 et fl-affidavit taghha* ***omm l-attrici S P*** *xehdet li hija qatt ma kienet favur dan iz-zwieg ghax dejjem rat lil konvenut bhala persuna irresponsabbli. Kien jaqla hafna kwistjonijiet ghal xejn l-aktar meta kien ikollhom tieg tal-familja li kien jilbes qisu zmattat u jgib ruhu hazing.*

*Ir-relazzjoni tal-konvenut ma bintha kienet wahda hazina u minn dejjem kien neglienti lejha. Flus kien ihalliha nieqsa u kienet tispicca taghmel ix-xirjiet hija ghalihom. Kienet tixtrilha l-hwejjeg ghaliha u ghat-tfal u jekk jinqatghalha karkur bintha issewwih bit-tape ghax ma kienx ikollha biex tixtri par iehor. Darba kellha hwejjeg nodfa tat-tarbija fuq is-sodda ta' F u l-konvenut spicca ramihom mal-art ghax ried jorqod fuq is-sodda tat-tifel. Kien jaghmel hafna hin barra mid-dar u semmiet meta l-attrici kienet ser twelled iz-zghir u saqsiha kienetx sejra ddum ghax kellu jmur jigbor cekk.*

*Omm il-konvenuta tghid li r-relazzjoni mat-tfal hija wahda inezistenti u qatt ma hargu flimkien bhala familja. Dwar it-tifel F kien jghidilha li ksuhat huma li taghti prodotti minghajr halib u semmiet l-incident ta' meta t-tifel beda jaqta nifsu u ma riedx iwassalha l-policlinic.*

*Id-dar ma kien jaghmel ebda manutenzjoni. Meta il-geyser ma kienx jahdem sew mhux l-ewwel darba li kellha tinhasel bil-kiesah u meta gralu l-hsara l-geyser tal-kcina ma ridtx jibdlu u kellha toqghod timla l-mishun bil-kitla u kienet xtrat wiehed mil-flus tac-childrens allowance. Il-vit tal-kcina kellhom jixtruh huma u mhux l-ewwel darba li l-hwejjeg minxurin kienu jaqghu ghax l-hbula jispicca u ma kien jibdilhomlha. Il-hgiega tal-bieb tal-bejt tkissret u qatt ma rrangaha. Kient tmur tghidnha tnaddaf u meta qalghet li creen tat-tieqa biex tnadfu u ma setghetx twahlu lura l-konvenut irrifjuta li jwahlu ghax skond hu 'ommok qalghetu u ommok twahlu'. Il-kamra tat-tifel F maghlqua ghax jidhol l-ilma u qatt ma ried jirranga; t-tifel l-iehor J ghandu l-hgiega tat-tieqa tal-kamra tieghu imkissra wkoll bil-maltemp; meta marrulhom l-pajpijiet tal-ilma kellhom isewwu l-leakage huma; u meta ghalqet taht it-tarag bhala storage u rrangat is-salott ghax kien hem mil-kantunieri bil-hadid hiereg u kienu ta' periklu ghat-tifal kif kwazi tlesta ix-xoghol l-konvenut qallha li ma kien ser ihallas xejn u thallas ommok jekk trid.*

*Il-konvenut dejjem kien jghid kontriha mal-attrici u mohhu kien biss biex jaghtuh l-flus. Lit-tfal ma jghajtilhomx b'isimhom – lil kbira jghdilha kiesha, lil Steve jghidlu Hans ghal Hanzir.*

*Darba ra lil D fuq li stage ir-Rabat tard bil-lejl gejja mix-xoghol u baqa sejjer u ppretenda li bintu timxiha sal-Bahrija. Kellha tmur l-atrici ghaliha xil-hdax ta' fil-lejl.*

*Bintha l-attrici kienet thallas l-internet, it-television u t-telefon mic-children's allowance ghax ghal konvenut it-tfal ma kellhomx bzonnhom. Darba gab zewg boroz tal-garbage mimlija hwejjeg qodma u riedha tahsilhom u tlibbishom lit-tfal.*

*Fil-birthday tat-tifel iz-zghir G huma lestew l-ikel kollu u l-konvenut ma tax daqqa ta' id anzi gerger li ma kienx hemm ikel bizzejjed u ftahar li xtara l-BMW bil-prezz ta' il fuq minn 2,400 ewro meta lill-attrici kien qallha li kien partatha. Hija tghid li ikel kien hemm zejjed tant li ha lil familja tieghu u lil klieb tieghu.*

*Meta zzewget in-neputija tieghu huwa ried jaghtiha rigal ta' 20 ewro u ppretenda li l-attrici tohrog il-kumplament hija.*

*In kontro-ezami (seduta 5.4.2017) omm l-attrici xehdet li mhux minnu ma kellhiex grazzja mal-konvenut izda li ma kienx ta' rispett. Meta bintha harget tqila hija ma riditx thassar festi. Hija kienet tara lil bintha wahedha l-Hadd ghax hu ma kienx ikun id-dar u hija kienet tmur ghandha. Li ma kienx jaghtiha flus kienet tarah b'ghajnejha. Gieli raqdet ghandhom u kienet torqod isfel. Fil-kamra taghhom jekk raqdet kien xi ftit drabi. Huwa kien jidhol id-dar tard u lit-tfal kienet tarhom neqsin minn certu esigenzi specjalment F li huwa lactose intolerant. Kien hu li jghidilha li t-tfal jieklu hobz bil-butir jekk il-flus ma jservux u kienet tixtrilha l-affarijiet hi. Bintha kienet ssajjar bil-flus li kienet taghtiha hi u anke bl-affarijiet li gieli tellghatilha. Bintha ghall-ewwel ma kienetx tahdem u wara kienet tahdem r-restaurant North Country u bil-paga kienet tghin t-tfal. Hija kienet tixtri lil bintha l-affarijiet biex ma tarx lil bintha imcercra. L-geyser meta spicca hija xtratulhom u li l-konvenut qal li t-tfal jieklu hobz bil-butri semghatu b'widnejha meta kienet ghandhom. Mistoqsija kif fl-affidavit taghha hija qalet li l-geyser xtratu bintha mic-children's allowance, x-xhud wiegbet li tant kienet tixtrilhom affarijiet li hija 'lost count'.*

*Il-Hadd kienet tmur ghand it-tifla u fost il-gimgha kienet titla xi gurnata biex tghinha fix-xoghol tad-dar u meta kien ikollha t-tfal biex tghinha. Meta t-tifla kellha r-restaurant hija kienet titla aktar ta' spiss. Lil zewgha ma kienetx tghidlu bil-problemi taghhom kollha izda huwa kien jaf li l-affarijiet ma kienux sew. Hija tikkonferma li rarissimu hargu bhala familja u li meta kien jigi lura mix-xoghol lil bintha ma jkellimhiex. Kienet taghti flus ghal birthday tat-tfal izda darba l-attrici qaltilha biex ma taghtihomx flus u ghalfejn ma qaltilhiex. U wara qaltilha li ghax kien jehodhom hu. Il-kejkijiet kienet taghmilhom l-attrici biex tghin lil familja u hija xtratilha l-cooker, zokor u dqiq.*

*Veru li zewgha kien iqisu bhala ibnu u zewgha lil kulhadd ihobb. Hija tammetti li l-gnien tad-dar matrimonjali kien jiehu hsiebu l-konvenut. Meta l-konvenut talabha nofs miljun hija ma rathiex bhala cajta. Dak li gara lil Miranda tafu ghax qalitulha t-tifla.*

*A fol 69 et xehedet* ***T P*** *oht l-attrici li xi xahrejn qabel ma zzewgu l-partijiet hija rat lil konvenut jghannaq lil wahda Annabel li kien johrog maghha qabel u meta hija qalet lil ohtha u ohtha kkonfrontat lil konvenut huwa qallha li ma kienx minnu. Hija tispjega kif gab ruhu l-konvenut f'dan iz-zwieg kemm mal-attrici u ma' uliedu. Qatt ma johorgu flimkien bhala familja u qatt ma jattendi attivitajiet tal-iskola tat-tfal. Jekk marru picnic huwa rieqed fuq il-haxix jibqa. Hija tammetti li hija u l-konvenut ma jarwx ghajn ma ghajn. Hija tikkonferma l-incident meta pprova jaqbad maghha go wine bar ghax-xalata ta' San Martin li tigi f'Novembru u anke pprova jbaghasha u jghidilha biex tmur torqod maghhom. Dan l-ahhar kien jghidilha biex tmur mieghu l-gabbana tar-Rabat meta ohtu tkun xoghol il-hanut izda hija ma kienetx tmur. Darba f'gunju hija kienet mal-partner taghha u waqfu jixtru card tal-mobile il-gabbana tar-Rabat ghal xid-9.30pm u l-konvenut qal lil partner taghha li huwa ghal gnejna mal-habiba.*

*Lill ohtha l-attrici ma kienx ihalliha tmur id-dar ghandhom ghax kien jghidilha li lill-partner taghha huwa ma jkelmux u meta darba minnghom mar ghandha biex thalsu ta' xi xoghol li ghamlilha fil-karozza, l-mobile beda jdoqqlu u xi hadd beda jibghatlu l-messaggi u dan kien xil-hdax ta' bil-lejl. Huwa qallha li kien siehbu J li kien joqghod l-Imtarfa u kien qed jghidlu biex tmur hdejh. Hija qaltlu li ahjar jingabar izda huwa qallha ser jghaddi hdejn J u ghandu towing u imbaghad imur id-dar. Huwa qallha li d-dar dejjem jidhol xis-siegha jew s-saghtejn ta' filghodu u li ohtu ma tghid xejn 'dik tidhol id-dar u tmur torqod'.*

*Hija semmiet l-incident meta ratu ma' H fil-gabbana r-Rabat u kienu hdejn xulxin u x'hin binha mar hdejn huma resqu minn hdejn xulxin.*

*In kontro ezami (seduta 20.6.2017) T P xehdet li ohtha zzewgitu avolja qaltilha li ratu ma' wahda qabel izzewgu ghax huwa kien konvincenti hafna tant li l-familjari taghha ma emunuhiex. Flus lil ohtha taf li ma kienx jaghti ghax meta kellha bzonn tixtri washing machine kellha taghtiha l-flus hi. Gieli ohtha lanqas biex tixtri x'tilbes ma kien ikollha. Hija kienet tkun ghandhom daqqa darba kull hmistax u drabi ohra darba fil-gimgha.*

*Hija tammetti li l-attrici ghamlet l-ahhar tlett snin tahdem maghha r-restaurant u anke fil-bidu li zzewget. Hija tghid li kemm kienet taqla flus l-attrici ma tafx pero zewgha kien jaqla hafna flus tant li kien jirranga l-karozzi tal-gharus tat-tifla taghha u f'xahar qalha 400 ewro u ohtha lanqas sold minnhom ma rat. Hija kienet issellifha l-flus lil ohtha u kienet taghtihomlha mic-childrens allowance. Hija taf dan ghax marret maghha l-bank u gabithom mic-childrens allowance. Dwar Parents Day dan tafu ghax qaltilha l-attrici. Ohtha kienet tahdem bir-rata ta' 5.50c ewro fis-siegha u daqqa kienet tahdem mid-7pm sad-9pm u drabi ohra mis-7pm sa nofs il-lejl. It-tfal kienu jkunu maghhom ir-restaurant u ommhom kienet tmur ghalihom u tehodhom id-dar. Hija r-restorant wara wellietu u hadu missierha. L-konvenut kien fetah restaurant Bingemma u qallha biex tmur tahdem mieghu izda hija ma accettatx u dan ir-restaurant kien jismu Co Co house.*

*Hija tichad li meta l-konvenut qal lil partner taghha li huwa kien sejjer il-Gnejna mal-habiba dan qalu bic-cajt tant li jumejn wara ratu mal-istess wahda jitghannaq maghha l-gabbana r-Rabat. Hija tikkonferma li missierha dejjem ghen lilha u lil hutha finanzjarment.*

*A fol 72et* ***U P*** *oht l-attrici xehedet li hija taf sew il-problemi li kellhom fiz-zwieg il-partijiet. Il-partijiet ghamlu sentejn jghixu flimkien wara li kellhom l-ewwel tifla u l-konvenut kien diga juri atteggament negattiv versu t-tifla D u dan ghaliex ma kienx jikkalkulaha. Fis-sena 2001 meta kellhom it-tifel E hija kienet izzurhom r-Rabat u dejjem kienet tara lil konvenut ma jaghtix kaz t-tfal. Darba meta l-attrici kkoregiet lit-tfiel huwa qallha li jaghmilha bhad-daddy 'tkellimni u ma naghtix kasek'.*

*Dwar il-maisonette fil-Bahrija hija taf li missierha hareg LM12,200 u taf ukoll li meta xtraw id-dar l-Bahrija missierha sellifhom Lm96,000. Sa dan iz-zmien huma kellhom bridge loan u l-attrici kienet poggiet id-dar ta' qabel ghal bejgh ghal xi L75,000 izda huwa qabad u bieghha LM60,000.*

*Id-dar il-konvenut ma kienx ikun u flus ma kienx jghaddilha lill-attrici u t-tfal trabbew bis-sahha tal-attrici u l-familja taghha. Ohtha mhux l-ewwel darba li riedet thassar izda kienu jigu l-genituri tieghu u kienu jghidulha li qed tgerger ghal xejn. Manutenzjoni fid-dar ma kien jaghmel xejn u li jitkisser jibqa mkisser.*

*Meta missierha ha ristorant fil-Bahrija l-attrici ghamelt sena tahdem hemm u l-konvenut xorta ma kienx jaghtiha flus.*

*Fit-2 ta' Lulju 2014 meta kienet mal-partner taghha u koppja ohra rat ll-konvenut ghaddej bit-toyota Landcruiser ta' missierha bi tfajla b'xagharha iswed riekba mieghu u qalet lil ohtha. Kien dakinhar li l-attrici fethet qalbha maghhom u l-familja qabet private investigator li rrizulta li kien qed iqatta hafna hin ma' certu H I.*

*L-ghada fit-3 ta' Lulju 2014 l-konvenut ha lit-tifel F mieghu Hal Far u kif spjega F lill-ommu l-konvenut kien jghaddi ghalih u wara jieqsu jixtru l-birra u jibqghu sejrin l-Fortizza ta' Bingemma. H ienet tmur ghalihom Bingemma u jibqghu sejrin Hal Far. F qallha li H kienet issuq hafna u bdiet tidriftja u beda jahbat rasu mal-bibien ta' wara ghax ma kellux seatbelt.*

*Wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni l-konvenut ha lil F mieghu fil-BMW tieghu u beda jsuq bi speed eccessiv bit-tifel riekeb quddiem minghajr seat belt u hadu go bar taz-zija tieghu fejn kulhadd ipejjep. Hija tghid li l-konvenut mhux responsabbli biex jiehu hsieb it-tfal tieghu minhabba f'hekk ohtha ma tahdahomx mieghu.*

***A fol 76 bint il-partijiet D B xehedet*** *li tiftakar li darba minnhom meta kellha hames snin missierha mar fuqha u qallha 'fottejtli hajti'. Missierha qatt ma kien ikun id-dar u qatt ma kien johrog lilha u lil hutha. L-ahhar darba li harighom kien xi erbgha snin ilu u kienu marru jiehdu gelat f'Bugibba. Il-bahar qatt ma kien imur maghhom u dejjem ommhom kienet tehodhom; ma kienx jilghab maghhom u lanqas memorji li hergin bhala familja ma ghandha. F'dawn l-ahhar snin missierha kien weghda li jwassalha x-xoghol izda imbaghad jerga jibdielu u jkollha taghmel l-arrangamenti hija ghax ma ssuqx.*

*In kontro-ezami (seduta 20.6.2017) hija tikkonferma li l-konvenut ma kienx jikkalkulha lit-tifla D. Hija ma tantx kienet tmur ghandhom u li taf dwar D meta wegghet fuq ix-xoghol u meta kienet fuq li stage, dan tafu ghax qaltulha ohtha. Missierha tghid li ma kienx garanti ta' LM96,000 izda harighom minn butu u hija rat l-bank transfer tal-HSBC.*

*L-attrici kienet qaltilha li d-dar bieghha minghajr l-kunsens taghha u li hija kienet bdiet tahdem fir-ristorant wara li bdiet taghmel il-kejkijiet. Gieli xtratilha l-affarijiet tal-kejkijiet hija ghax l-hanut kien vicin ta' fejn toqghod hi u kienet taf li l-attrici ma kienx ikollha flus u ma kienetx tohdilha flus. L-attrici kienet qaltilha li LM5 kien jghaddilha ghal hajja.*

*Hija tikkonferma li l-karozzi kien jarma lil missierha kien jarmahom bi flus missierha. Missierha kien ibaghti b'qalu u ma kienux jghidulu li l-konvenut ma kienx qed jitratta lill-attrici sew. Hija taqbel li l-konvenut kien iqatta hafna hin fil-garage izda mhux biex jahdem ghax darba marret fil-hdax ta' bil-lejl u kien ghadu l-garage u qallha li kien qed jistenna t-taffiku jiklerja meta dak il-hin it-traffiku jkun clear. Hija kienet prezenti meta ohtha kienet ser twelled iz-zghir u qal li ried imur jogbor I cheque. Hija taf li xi hames snin qabel bdiet il-kawza kienu ser ihasru ghax hu ma kienx jaghtiha flus u ohtha karkur bit-tape kellha. Il-konvenut kien jghidilhom li ma kienx ilahhaq mal-hajja. Hija ratu ma 'ohra ghaddejjin tas-Sliema u meta qabdu private investigator rat ir-ritratti u l-video. Hija ma taqbilx li l-private investigator ma sab xejn.*

*Fl-affidavit taghha* ***Q R*** *(seduta 15.4.2016) xehedet li hija manager fis-socjeta Protection Services (Malta) limited u l-attrici kienet avvicinat lilha u lil huwa V mill-istess kumpanija peress li kellha suspett li zewgha kien qedjaqlibhielha. Kienet saret laqgha fis-7 ta' Lulju 2014 mal-attrici missierha u ohtha U P li qaltilha li rat lil konvenut ma' tfajla fil-karozza u inkarigawhom biex jahdmulhom. Fl-10 ta' Lulju 2014 bdew jaghmlu l-ghassa fuq l-konvenut li lemhuh ta' siksit fil-kumpanija ta' H I fejn anke dehru jieklu flimkien u jqattghu hin flimkien tar bil-lejl f'karozza wahda li rrizulta li kienet ta' H I. Hija esebiet ir-rapport taghhom li kkonfermatu bil-gurament Dok JP u li permezz tieghu kkonkludiet dan li gej: "subject had clearly a relationship going with H I. Even though the subject had the time and the place to have an intimate relationship with Ms H I we enver caught them in the act, due to restrictions at the fort, so one could only assume what was going on behind closed doors inside the fort. On several occasions subject and H were seen holding hands even in the presence of the subject's son.....Ms H I spent several late nights in the forst with only the subject. In view of this we can positively say that the subject had definitely a relationship with Ms H I."*

***Provi Konvenut***

*Fl-affidavit tieghu* ***l-konvenut*** *(seduta 7.11.2016) jghid li fil-bidu qatt ma kellhom problemi f'dan iz-zwieg u l-problemi bdew minhabba l-indhil minn naha tal-genituri tal-mara u ta' hutha T u U. Dan kien indhil esagerat that li gieli kien imur d-dar wara gurnata xoghol u jsib lil omm il-mara rieqda fis-sodda maghha u huwa jkollu jorqod fuq is-sufan. Omm il-mara kienet tqatta hafna hin id-dar taghhom peress li missier il-mara kien sikwit isiefer ghal xahar shih sabiex jistad gewwa Thailand. Dan kien johlog hafna tensjoni bejnu u l-mara ghax ma kienx ikollhom*

*ebda privatezza. Kienu anke jishaslu ghandhom tant li d-dar giet qisha lukanda ghal familtha. Il-genituri tal-mara dejjem jghidulha kontrih u kien hemm drabi fejn ommha qaltlu biex jitlaq minn daru u jmur jghix ghand ommu.*

*Il-konvenut li l-genituri tal-mara qatt ma kellhom grazza mieghu u jikkonferma li ghamel xi zmien jahdem fil-garage ta' missier il-mara gewwa l-Gzira. Darba qallu li l-garage kien ser ibieghu u skond il-konvenut dan kien biex jehles minnu bil-pulit u din kienet gidba ghax l-garage ghadu ghandu sal-lum.*

*Il-konvenut kompla jixhed li nies il-mara kellhom restaurant North Country gewwa l-Bahrija u l-mara kienet taghmel hinijiet twal hafna f'dan ir-restaurant avolja kellhom t-tifel iz-zghir kien lanqas ghadu ghalaq sena. Hija kienet iddum tahdem go dan ir-restaurant anke sas-siegha u s-saghtejn ta' filghodu u dan bit-tfal zghar reqdin fuq l-bank minflok fis-sodda biex ikunu friski ghall-iskola. Huwa jifhem li martu kellha bzonn tghid ftit lil familja taghha tant li gieli telgha mil-Gzira fejn kien jahdem biex jixghel il-generator meta dan kien imur pero mhux li tqatta tan thin hemm minflok tiehu shieb it-tfal u d-dar.*

*Huwa jichad li ma kienx jghaddi flus lil mara u kien itiha kemm kienet titolbu. Huwa jghid li l-flus li kien jaghtiha martu kienet tuzahom biex taghmel ix-xirja ghal missierha. Huwa jghid li kien jaghtiha madwar tmenin ewro fil-gimgha u dawn kienet tuzahom biex taghmel il-qadi tal-genituri taghha u tal-hanut taghhom. Meta kien jigbdilha l-attenzjoni hija kienet tmur tghid lil genituri taghha. Huwa jichad li kien jghaddilha biss LM5 fil-gimgha u li martu kienet tghix bir-relief u b'dak li jaghtuha ommha u missierha. Huwa dejjem qaghad attendt li martu jkollha flus bizzejjed biex tixtri dak li kien hemm bzonn. Huwa jichad li huwa ried jiekol laham biss u t-tfal setghet titmaghhom hobz bil-butur anzi kull nhar ta' Hadd kien jiehu pjacir iqum qabel it-tfal u jibda jaqli xi fenek jew xi zalzett u kien jarahom jigi bil-mod il-mod mis-sodda imhajrin bir-riha. Anzi ommhom kienet titmaghhom cereal.*

*Il-konvenut jghid li huwa kien ihallas dak kollu li kien hemm bzonn u kien ihallas ukoll 500 ewro tal-loan fix-xahar u li martu kienet thallas biss il-kont tat-telefon minkejja li kellha l-flus li kien jghaddilha hu, l-flus tar-relief, u l-flus li kien ihallasha missierha tax-xoghol li kienet tghinu fih u l-qliegh mil-bejgh tal-kejkijiet. Huwa jghid li kien jaghtiha flus biex tixtri l-ingredjenti ghal kejkijiet. Dwar il-forn li xtralha missierha huwa jghid li wara ftit dan kien hadu l-hanut peress li kellu bzonnu.*

*Il-konvenut xehed li ghamel zmien twil jasal d-dar wara gurnata xoghol u la jsib lil mara u lanqas it-tfal u kien jinzel ir-restaurant ta' missierha u jsibhom hemm u ma kienx ikollu ghazla ohra ghajr li jiekol hemm u dejjem kien ihallas. Skond hu martu gabet lil genituri taghha u r-restaurant li kellhom qabel id-doveri matrimonjali taghha tant li kienet kuntenta thalli d-dar fi stat ta' hmieg u imbarazz jigri filwaqt li huwa jkun ghamel granet twal ix-xoghol. Huwa kien jipprova jispjega lil martu li kien imwegga b'dan pero hija qatt ma tat kazi ghax l-ewwel familtha u n-negozju taghhom. Huwa jsemmi l-incident tat-tfal Steve u F li halliethom wahedhom id-dar biex hija marret fir-restaurant tal-genituri taghhom u kien hemm taghgen*

*mimli zejt jaghli jbaqbaq. Dan sar jafu minghandu ohtu W li b'kumbinazzjoni marret u sabithom wahedhom jippruvaw jaqlu c-chips.*

*Il-konvenut xehed li niesha dejjem kienu jahsbu hazin fih u dejjem jissuspettaw li kellu relazzjoni ma' hafna nisa barra z-zwieg. Huwa kien induna li kien qed jigi ffolowjat minn investigator privat. Darba minnhom meta huwa kien ma xi hbieb gewwa Hal Far mat-tifel F ra lil dan il-privae investigator bit-tromba. Huwa jghid li ghandu karattru duli u malajr jaghmel hbieb izda martu kienet tippretendi li ma jkollux klijenti jew hbieb nisa ghax dejjem tahseb hazin fih. Gieli anke marret bi skuza l-garage u d-dar ta' ommu biex tara x'kien qed jaghmel u huwa jkun qed jahdem fil-garage.*

*Huwa jichad li kellu relazzjoni ma' H I izda jammetti li din hija biss habiba u kienet ggib ruhha qisha wahda mill-irgiel, tixrob il-birra u anke tahdem fil-karozzi. Tant ma kellux relazzjoni maghha li anke ha lit-tifel F mieghu meta kienu jiltaqghu. Mhux minnu lanqas li kien imur maghha jiehdu l-inbid il-Gnejna u kieku ried jaghmel hekk ma kienx imur il-Gnejna fejn jinzlu r-Rabtin kollha u kulhadd seta jilmhu.*

*Il-konvenut jichad ukoll li ma kienx jinteressah fit-tfal u li huwa ghamel l-almu mieghu biex irabbihom sew. Huwa kien jipprova jdahhal sens ta' dixxiplina fihom u ma kienx jaccetta li jixtri kull ma jridu bl-addocc izda dan kien kollu ta' xejn ghax missier il-missier kien iwaqqghalu kelmu u jixtrilhom dak li jridu. Jekk huwa ma marx x'imkien mat-tfal dan ghax kien ikollu hafna xoghol. Huwa dejjem hadem sod ghal familja biex jara li ma jonqoshom xejn. Jammetti li kien idum hafna x-xoghol u li meta jasal lura kien jew majsib lil hadd ghax kienu jkunu l-hanut jew inkellha jsibhom kollha reqdin. Id-dar huwa pprova jaghti daqqa ta' ide fejn setgha u kien gieli jsajjar u jaghmel dak li kien hemm bzonn. Huwa kien ghamel il-main tal-ilma u ghaddi bi tlett sulari pajpijiet, ghamel il-veranda u l-gnien sabih biex jilghabu fih it-tfal.*

*Huwa jichad li kien jinjora l-bzonnijiet tat-tfal jew li rrifjuta li jehodhom il-policlinic anzi kien hemm drabi fejn it-tfal iwegghu u huwa jsir jaf biss kumbinazzjoni ghax il-mara ma kienet tghidlu xejn. Huwa jichad ukoll li kien ra t-tifla l-kbira fuq li stage u baqa ghaddej. anzi huwa kien inizzilha x-xoghol u jgibha lura mieghu kemm il-darba u meta ma kienx ilahhaq kienet twassalha l-mara. Huwa jichad ukoll li kien isakkar lil martu barra mil-kamra tas-sodda meta kienet tqila u li meta weldet iz-zghir huwa kien mghaggel biex imur jigbor chekk. Huwa dejjem hadha twelled privat ghand Dr Josie Muscat u dejjem hallas hu.*

*Dwar il-Land Cruiser il-konvenut jghid li dan kien ta' missier il-mara izda gie biex inehhih peress li kellu z-zmien u hadd ma riedu aktar u missierha ghaddihulu. Huwa ghamel hafna xoghol u spejjez fih sabiex sergha jerga jgibu qisu gidid. Anke rigwrd l-Low Loader dan kien xtrahulu missier il-mara biex jahdem fih wara li qallu bie inehhi t-transit li kien jahdem bih dak iz-zmien. Missierha qallu li l-low loader kien tieghu u remghu bl-istickers ghan-negozju tieghu.*

*Fl-affidavit taghha **W X**, oht il-konvenut (seduta 7.11.2016) xehdet li ilha taf lil konvenuta mindu kellha tlettax il sena. Meta l-attrici harget tqila hija marret mal-partijiet ghand it-tabib Josie Muscat u tiftakar lill-attrici tghid li 'trid baby ghalija' u dan ghax skond ix-xhud l-attrici ma kellhiex trobbija vicin ta' ommha peress li ommha kienet tbaghti minn certu mard mentali u kienet anke tiehu l-kura Monte Carmeli. Hija taf li sal-lum omm l-attrici ghadha tiehu l-pilloli u gieli taghmel jiem shah rieqda. Dan taf ghax gieli kienet tkun id-dar taghhom. Hija tiftakar li qabel ma zzewgu l-partijiet kienu jghixu matul il-gimgha s-Swieqi u fil-weekend jinzlu ghand il-genituri taghha cioe tal-konvenut. Hija terga ttenni li dak iz-zmien l-attrici kienet iffissata li trid aktar trabi.*

*Meta l-partijiet izewgu huma marru jghixu ghal rashom l-Bahrija u meta kellhom it-tieni wild tifel l-attrici kienet diga turi li hija moody hafna. Meta huha kien jipprova jikkoregi lit-tifla anki f'affarijiet zghar ommha kienet mal-ewwel twaqqa l-kelma tieghu.*

*Hija bdiet tinduna li kien hemm il-problemi f'dan iz-zwieg meta l-partijiet kellhom it-tielet tarbija u dan kien meta oht l-attrici T kienet anki hadet hanut tal-fniek gewwa l-Bahrija.*

*Hija tiftakar li dak iz-zmien l-attrici kienet tqatta hafan hin gewwa dan l-hanut u d-dar tal-partijiet spiccat qisha kazin ghal familja taghha ghax id-dar kienet vicin l-hanut u l-attrici kien l-hin kollu mohha biex tlahhaq mal-bzonnijiet tal-hnut fiilwaqt li familtha kienu jsibuha komda jigu d-dar ta' huha ghal kull ma jinqala. Gara ghalhekk li l-attrici ma kienet taghti kaz l-bonnijiet tat-tfal u tal-familja taghha u l-konvenut kien jiddejjeaq b'dan peress li kien hemm xi hadd mil-familja tal-attrici li kien anke jisraq.*

*X tghid li l-attrici gieli damet sas-saghtejn ta' filghodu l-hanut bit-tfal reqdin fuq l-bank jew inkella d-dar wahedhom. Tiftakar l-inicdent tac-chip pan meta s-subien kellhom ghaxra u hames snin u hija marret d-dar taghhom u kif fethulha t-tfal rat foga tremenda ta' qali u ejn u meta saqsiethom fejn hi ommhom huma qalulha li qeghda l-hanut u li kienu qed jippruvaw jaqlu c-chips ghax qabadhom il-guh. Dan kien xit-tlieta ta' wara nofsinhar u l-borma taz-zejt kienet tidher li kienet ilha zmien twil fuq in-nar. Hija tfiet il-borma u harbet tigri l-hanut tghid lill-attrici 'kien gara.*

*Ix-xhud tghid li l-attrici ma kienetx taghti wisq kaz tal-affarijiet tad-dar u lanqas meta kien ser ikollha l-ahhar tarbija ma kienet hadet hsieb li d-dar tkun nadifa. Hija kienet tmur minn jedda tahseb u tnaddaf u tiftakar li kollox kien sottsupra. Fuq l-mejda tiftakar li lanqas kien hemm fejn tiehu café. Lanqas it-tfal ma kienet taghti kaz li trawwimhom u trabbihom kif suppost ghax ma kienetx izzomm id-dixiplina u kienet thalli lit-tfal ipingu ma' hitan imbajdin friski u jilghabu gewwa bil-ballun. Gieli kienet tkun ghand ommha u tant kienet tintilef tpacpac maghha li ma tlahhaqx tasal fil-hin biex tigborhom mill-iskola u kienet iccemplilha biex tigborhomla hija peress li toqghod l-Bahrija. Hija tghid li sfortunatament it-tfal ma kellhomx rutina minhabba l-impenji tal-hanut tal-attrici.*

*Darba marru jieklu l-Bahrija u rat lit-tifel tal-partijiet F jilghab wahdu fuq il-bandli fl-ghaxra ta' bil-lejl u meta saqsietu kienx wahdu qallha li iva. Darba ohra l-attrici lanqas kient taf fejn*

*spicca wiehed mis-subien u kienu fitxewh mal-Bahrija kollha bbiex isibuh. Anke meta l-attrici ma kienetx tahdem gol-hanut jew inkella ma familtha, l-attrici dejjem kien mohha li tohrog u tigri l-barra. Hija kienet taghmel ukoll hafna qadi ghal familja taghha, bin-nanniet u z-zijiet b'kollox.*

*Il-konvenut kien jahdem sieghat twal ghal familja teighu u dan anke biex ikun jista jhallas l-loan izda huwa ma kienx stmat mill-attrici. Meta darba l-konvenut mar id-dar aktar kmieni mis-soltu l-attrici li dak il-hin kienet id-dar tax-xhud xorta ma telqitx biex tqatta hin mieghu u baqghet hemm sakemm dalam. Hija tghid li l-attrici ma kienetx tnaddaf jew issajjar ghal zewgha li kien ikollu jiekol minn barra jew inkella isajjar hu wara gurnata xoghol. Tiftakar okkazjoni fejn l-attrici tant kienet ilha ma taghmel hasla tal-hwejjeg tat-tfal li lanqas hwejjeg fil-gwardarobba ma kien fadlilhom.*

*Oht il-konvenut tghid li l-familja tal-attrici kienet ta' sikwit tindahal fiz-zwieg tahhom u fuq kif irabbu t-tfal. Tiftakar li sa ftit ilu l-konvenut kien qieeghed jarma karoza ghat-tifla l-kbira D u wara li kien nefaq hafna flus u peress li hija kienet tahdem kien qallha biex tahseb xi haga zghir ghall-insurance u l-licenzja izda D ma riedet thallas xejn ghax ma kellhiex flus izda ftit jiem wara tfaccat bi tpingija kbira kkulurita fuq sidirha. Minflok missier l-attrici kkoregiha kellu xi jghid mal-konvenut u qallu li messu halsilha kollox.*

*Fl-affidavit taghha omm l-konvenut* ***S B*** *(seduta 17.11.2016) xehdet li fil-bidu l-partijiet kienu kuntenti flimkien u l-inkwiet beda meta kellhom l-ewwel tlett itfal u bieghu l-maisonette u xtraw dar akbar l-Bahrija. Hija kienet tkun taf x'qed jigri bejniethom minn omm l-attrici li kienet timlielha rasha li kienu ser jisseparaw fosthom anke waqt ic-cerimonja tal-pracett ta' F. Darba minnhom marret tghidilha dan id-diskors ftit wara li mitilha r-ragel. Hija tghid li huma dejjem ippruvaw ihalluhom jghixu indipendenti u ma jindahlux bejniethom.*

*L-ilment taghha huwa li l-attrici kienet tisma mil-genituri taghha li kienu gejjin u sejrin d-dar tal-partijiet. Din skond hi kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn kellhom ikabbru d-dar u dan ghax l-attrici bdiet tara l-maisonete tahhom zghir biex joqghodu l-familja kollha taghha li kienu anki jmorru jinhaslu hemm. Hija tghid li familtha ma kienux igibu rispet lil binha u kienu jaqbdu u jmorru d-dar tieghu x'hin ifetlilhom u darba minnhom anke hallewlu kullimkien mixghul u l-bieb ta' barra miftuh filwaqt li huma marru l-hanut. Anke omm l-attrici kienet tkun il-hin kollu d-dar taghhom u dejjem rieqda fuq xi sufan. Darba minnhom binha qallha li kien anki jmur id-dar biex jorqod wara gurnata xoghol u sab li ommha rieqda fis-sodda taghhom.*

*Omm il-konvenut tilmenta wkoll li l-attrici ma kienetx tiehu hsieb id-dar u lanqas it-tfal. Meta kienu ghadhom lanqas izzewgu u kellhom il-kbira u kienu ghadhom joqghodu maghha tiftakar li darba rat lit-tifla l-kbira thaxwex fil-handbag ta' ommha u sabitilha l-pakkett tal-pill u din kienet it-tieni darba fejn it-tifla kienet kwazi kielet il-pinnoli tal-valium peress li omm A kienet halliethom jigru. It-tfal kien hemm drabi meta ta' eta zghira kienu jaharbulha u jmorru l-bandli. L-attrici stess darba minnhom qaltilha li ma kienetx taf fejn spicca binha F u meta*

*marret tfittxu l-bandli sabitu mdendel ma' zokk ta' sigra. Kemm-il darba l-attrici kienet iccemplilhom birc imorru jigbru t-tfal mill-iskola peress li hija kienet tibqa ghand ommha.*

*Hija tghid li l-hanut li kienu hadu l-familja tal-attrici sarraf fi problemi kbar f'dan iz-zwieg ghax l-attrici bidlet lit-tfal u lil zewgha ma' dan il-hanut ghax A bdiet tqatta l-hin kollu taghha f'dan il-hanut tghid lil familja taghha anki b'xejn. Hija kienet taghmel dak kollu li kien ikun hemm bzonn gol hanut mit-Tnejn sal-Hadd basta tpaxxi lil familja u ma taghti kaz it-tfal u dar filwaqt li twahhal fil-konvenut binha ghal ak kollu li kien jigi hazin.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Marthese Vella pro et noe vs George Valla deciza mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003*** *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri' (****Catherina Agius vs Benedict Agius prim Awla, Qorti Civili 13 ta' Gunju 1967.***

*Rigward il-provi, "La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"* ***(Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia, Prim Awla Qorti Civili 7 ta' Marzu 1919).***

*Ghaldaqstant, il-perit legali allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.*

*Illi in linea generali l-perit legali tibda biex tghid li kif inhu pacifiku "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingiurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondamenti I riguardi della convivenza coniugale."* ***(Elisa Thompson vs Edward Thompson 12/5/1925).***

*Li ghalhekk f'dan il-kuntest l-parti li tallega ghandha wkoll l-obbligu u l-oneru tal-prova u l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lill-Qorti moralment li l-allegazzjoni hekk vantat tirrizulta mill-atti tal-kawza* ***(Lea Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone 2/10/2003 per Imh RCP).***

***(1) Htija tal-firda***

*Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri ('****Caterina***

***Agius vs Benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967****) liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha fulur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (****Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246).***

*Fin-nota guramentata taghha a fol 19 et l-attrici tikkontendi li l-htija tal-firma hija totalment tal-konvenut u dan minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru.*

*Il-konvenut jirribatti billi jghid li z-zwieg tfarrak minhabba l-indhil tal-familja taghha li kienu ghamlu d-dar tieghu lukanda u martu kienet tqatta aktar hin maghhom milli d-dar.*

*Li sabiex jissussustu s-sevizji, minacci, swat u ingurji gravi da parti tal-konvenut versu l-attrici, Il-Qrati taghna dejjem rritenew li "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux jkomplu jghixu flimkien (****Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).***

*Inoltre, certi fatti, kliem u modi ta' atteggjament jaghtu lok ukoll ghal mohqrija u sevizzi. Il-Qrati taghna dejjem rritenew li "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux jkomplu jghixu flimkien (****Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).***

*L-eccessi u ingurji gravi jridu jkunu tali li 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezasberazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (****Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).***

*Dwar l-eccessi l-perit legali thoss li huwa opportun li taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***K Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** *(PA 30 ta' Gunju 1961) fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji..".*

*Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, ma hemmx ghalfejn li jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u l-minacci kollha flimkien izda huwa sufficjent li jigi ppruvat wiehed minhhom. Fil-kawza ismijiet "****Elisa Thompson vs Edward Thompson (PA 12/5/1925****) fejn din il-Qorti dakinhar sostniet illi:*

*"Issa kif inhu pacifiku "puche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il-coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale."*

*Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri ('****Caterina Agius vs benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967).***

*Li 'indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". (****Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693).***

*Hekk, per ezempju, "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien ('**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud' Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).***

*Dan fl-ebda grad ma huwa tollerat billi kif jinsab ritenut dawn 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezaverbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom **(Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).***

*Dwar mohqrija din tirrizulta anke meta jkun hemm incident izolat, u s-sevizzi meta dawn ikunu 'abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza ' (vol. IX pag.274). fis-sentenza **K Mifsud vs Vincenzo Mifsud (PA 30 ta' Gunju 1961)** fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji."*

*Mil-provi jirrizulta li l-konvenut kien jaghmel hafna sieghat barra mid-dar li skond hu dan ghax kien ikun dejjem xoghol izda wara xi zmien kien intebah fil-ghaxija ma' mara ohra fil-karozza tieghu izda rrizulta wkoll b'mod sodisfacenti li lil martu ma kienx jghaddilha manteniment adegwat biex tkun tista tghix hi u l-familja. Tant li kellha tibda taghmel l-kejkijiet biex tghin lilha nnfisha u lill-erbat itfal li l-partijiet ghandhom minn dan iz-zwieg u anke hadmet fir-restorant li kellha ohtha u wara l-familja taghha biex taqla xi haga halli jkollha ghaliha u ghal familja. Bizzejjed jinghad li lill-attrici ommha u ohtha xehdu li kienu jarawha anke bil-karkur bit-tape ghax ma kienx ikollha biex tixtri karkur iehor!*

*Il-konvenut ghad-delizju tieghu ta' tlielaq tal-karozzi kellu mezzi; u anke biex izomm karozzi lussuzi ghalkemm dawn kienu ta' missier il-mara li kien jaghmilhom tieghu izda hin u flus ghal familja ma kellux. Veru li zzewweg wara li l-mara inqabdet tqila u kellhom l-ewwel tifla izda veru wkoll li jidher li huwa kien minghalih li ghax izzewweg ghand familja tat-tajjeb xogholu kien biss li jaghmel it-tfal u ghat-tfal hemm il-familja tal-mara taghmel tajjeb.*

*Mil-provi rrizulta wkoll li l-konvenut hin ghat-tfal ma kellux u meta kellu ghat-tifel li hareg dilettant tal-karozzi bhalu dan uzah biex jiehdu mas-siehba tieghu halli ma jkun hemm ebda suspett li ghandu relazzjoni mal-istess siehba haga li dejjem cahad tant li l-familja tal-attrici kellhom iqabdu investigatur privat certu Q R taghmillu l-ghassa kif fil-fatt ghamlet u xehdet li fl-10 ta' Lulju 2014 bdew jaghmlu l-ghassa fuq l-konvenut li lemhuh ta' siksit fil-kumpanija ta' H I fejn anke dehru jieklu flimkien u jqattghu hin flimkien tard bil-lejl f'karozza wahda li rrizulta li kienet ta' H I. Hija esebiet ir-rapport taghhom li kkonfermatu bil-gurament Dok JP u li permezz tieghu kkonkludiet dan li gej: "subject had clearly a relationship going with H I. Even though the subject had the time and the place to have an intimate relationship with Ms H I we even caught them in the act, due to restrictions at the fort, so one could only assume what was going on behind closed doors inside the fort. On several occasions subject and H were seen holding hands even in the presence of the subject's son.....Ms H I spent several late nights in the forst with only the subject. In view of this we can positively say that the subject had definitely a relationship with Ms H I." Il-konvenut ma rribatta xejn minn dan u lanqas kontro-ezami taghha ma ghamel f'din il-kawza.*

*Dwar l-adulterju, l-artikolu 38 tal-Kap 16 jghid li "Kull parti mizzewga tista 'titlob l-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". I izda, stante d-diffikulta tal-prova kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-*

*gurisprudenza li l-adulterju jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordnati b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.l-qrati taghna dejjem irirtenew li biex ikun hemm adulterju. (**Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693).***

*Fil-kawza **Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693) gie ritenut li** l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezuzjonijiet purche dawn ikun gravi, precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.".*

*Il-perit legali tosserva u tirrikonoxxi li lill-avukat tal-konvenut li fin-nota tieghu ghamel sforz kbir biex jipprova jiskolpa lil klijent tieghu mil-htija izda fil-verita l-fatti urew mod iehor u dana stante li dan  l-atteggjament da parti tal-konvenut ma huwa tollerabbli billi kif jinsab ritenut dawn "joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom" (**vol. XXXI P1 p200; Vol XXVI P1 p246).***

*Illi dak li qed jirribatti l-konvenut cioe li l-htija tal-firda hija martu ghax kienet tqatta hafna hin mal-familja taghha ma jistghax jitqies bhala tort lill-attrici tenut kont li hija kienet tmur tahdem biex tghajjex lil familja ghax zewgha ma kienx jaghtiha flus, li kienet tlahhaq ma erbat itfal wahedha u ghalhekk kellha bzonn l-ghajnuna tal-familja kif del resto kien kuntent il-konvenut bl-ghajnuna tal-familja taghha meta zamm il-garage tal-kunjati bla kera, meta kien jahdem fil-business tal-familja tal-kunjatu u meta kien juza l-vetturi tal-istess missier l-attrici u jiehu gost jiddandan bihom.*

*Ghaldaqstant hija l-fehma tal-perit legali li l-konvenut huwa hati tal-firda.*

***(2) Kura u kustodja tal-Minuri***

*A fol 19 l-attrici tikkondenti li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi f'data lilha stante li l-konvenut qatt ma wera interess jew xi involviment fit-trobbija tat-tfal.*

*Jigi rilevat li llum l-erbat itfal tal-partijiet; Milanja twieldet fit-3 ta' Awissu 1993 (fol 6) u ghalhekk illum il-gurnata f'Awissu li gej taghlaq hamsa u ghoxrin (25) sena u ghalhekk hija maggorenni u tghix barra minn Malta;  E twielet fid-22 ta' Gunju 2001 (fol 7) u ghalhekk fit-22 ta' Gunju li gej jaghlaq  sbatax(17) -il sena u ghalhekk ghadu minuri; F li twieled fit-18 ta' Lulju 2007 u ghalhekk ghandu hdax(11)-il sena u ghadu minuri;  u z-zghir G li twieled fil-25 ta' Lulju 2013 u ghandu hames (5) snin u ghalhekk ghandu wkoll minuri.*

*Ghaldaqstant il-partijiet ghandhom tlett itfal li ghadhom minuri cioe E, F u G.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 17.11.2016) ma jsemmi xejn dwar dan.*

*Il-perit legali, ghalkemm mill-atti jidher li l-konvenut ma oggezzjonax li l-mara jkollha l-kura u kustodja tal-minuri, hija tixtieq li l-konvenut jinvolvi aktar ruhu fit-trobbija tal-minuri u*

*ghalhekk hija l-fehma taghha li l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri, E, F u G ghandha tkun fdatha lill-Omm b'dan li decizjonijiet straordinarji ta' sahha, safar, u edukazzjoni tal-minuri ghandhom tkun fdata lil-partijiet konguntivament. Li jigri meta kura u kustodja tkun fdatha lil parti wahda l-parti l-ohra tispicca li qeghda hemmhekk biss bhala bancomat biex thallas biss ghal manteniment u xejn aktar. Ghalhekk l-perit legali hija tal-fehma ghar-rigward dawn id-decizjonijiet, dawn ghandhom jittiehdu mil-partijiet konguntivament.*

***(3) Manteniment ghat-tfal***

*Bhala manteniment ghat-tfal, jirrizulta li dan illum jirrigwarda biss lil Daniel, F u G.*

*A fol 20 l-attrici tikkontendi li l-manteniment ghandu jkun ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar apparti nofs l-ispejjez medici, edukattivi u extra-kurrikulari kif ukoll nofs l-ispejjez tal-bzonnijiet specjali tal-minuri F li huwa allergiku ghal prodotti tal-halib. Hija tikkontendi wkoll li zewgha mhu jhallas xejn spejjez medici u edukattivi.*

*A fol 39 l-attrici titlob manteniment ta' 450 ewro fix-xahar u nofs spejjez medici edukattivi u extra kurriklular u nofs l-ispejjez tal-bzonnijiet specjali ta' F li huwa allergiku ghal prodotti tal-halib.*

*Hija tahdem parti time gurnata fil-gimgha u tahdem fil-Kazin tal-Labour tal-Bahrija u ddahhal madwar 20 ewro u 25 ewo forsi ftit aktar kull darba li tmur.*

*A fol 97 permezz ta' digriet tal-10 ta' Awissu 2015 din il-Qorti ordnat lil konvenut ihallas manteniment ta' 450 ewro kull erba gimghat ghat-tlett uliedu minuri oltre l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni.*

*A fol 175 tali manteniment gie awmentat ghal 550 ewro kull erba gimghat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju 2016 liema somma tinkludi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri.*

*A fol 145 l-attrici fl-affidavit addizzjonali taghha tghid li zewgha mhux ihallas l-ispejje ta-sahha u edukazzjoni u li minn Settembru 2015 sa Frar 2016 dawn jammontaw ghal 455.80 ewro.*

*A fol 157 l-attrici prezentat affidavit addizzjonali iehor li permezz tieghu ddikjarat li zewgha baqa ma hallas xejn minn l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha u ddikjarat li tali spejjez minn Marzu 2016 sal-ahhar ta' April 2016 jammontaw ghal 183.72 ewro.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 17.11.2016) jghid li huwa qed jghaddi lil martu 550 ewro fix-xahar inkluz l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni u li bil-paga li ghandu ma jsitghax ihalallas aktar minn din is-somma.*

*Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016 l-attrici xehdet li spejjez sahha u edukazzjoni minn meta hareg id-digriet fl-10 ta' Awissu 2015 sa Dicembru 2015 huma €622.15 u mil-ewwel ta' Jannar 2016 sal-ahhar ta' Frar 2016 zewgha ghandu jaghtiha wkoll €173.18c.*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici tikkontendi li dan ghandu jkun ta' €250 ghal kull wild u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tenut kont ukoll li t-tifel F huwa lactose intolerant u ghandha spejjez aktar minhabba f'hekk.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li tali manteniment ghandu jigi varjat minn dak kif ordnat l-Qorti a fol 175 permezz ta' digriet tas-26 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-Qorti ordnat lil konvenut ihallas manteniment fl-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550) kull erba gimghat liema somma tinkludi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri fis-sena li tali manteniment ghandu jkun fl-umli fehma tal-perit legali, ta' mitejn u hamsin (€250) ghal kull wild liema somma tinkludi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri tenut kont li l-konvenut mhux persuna affidabbli u dan il-Qorti diga kkonstatu meta fid-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2016 meta ordna li s-somma tinkludi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha.*

***(4) Arretrati ta' spejjez edukazzjoni u sahha tal-minuri***

*Dwar l-arretrati ta' nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha sad-digriet tas-26 ta' Mejju 2016 u li dawn skond l-attrici minn Settembru 2015 sa Frar 2016 dawn jammontaw ghal €455.80c; (fol 145); minn Marzu 2016 sa April 2016 (fol 157) dawn jammontaw ghal €183.72c u fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016 -attrici xehedet li dawn jammontaw mid-data tad-digriet tal-10 ta' Awissu 2015 sa Dicembru 2015 €622.15 u mill-ewwel ta' Jannar 2016 sal-ahhar ta' Frar 2016 ghal €173.18c.*

*Prova ta' spejjez f'Mejju sad-data tad-digriet tas-26 ta' Mejju 2016 l-attrici ma pproducietx.*

*Li dawn l-ispejjez ma gewx kontradetti mil-konvenut izda huwa baqa jimpika u ma jghaddix dawn l-pagamenti lil martu meta jaf kemm trid flus biex trabbi u teduka erbat itfal.*

*Illi ghalhekk l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici l-ammont ta' €979.05 (cioe 173.18 + 622.15 + 183.72) cioe sehemu minn dawn l-ispejjez.*

***(5) Manteniment lil Mara***

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 17.11.2016) jghid li lil martu ma ghandu jghaddilha ebda manteniment peress li hija tahdem ukoll.*

*Skond l-employment history sheet tal-Jobsplus (qabel Korporazzjoni Xoghol u Tahrig) u Joseph Saliba in rapprezentanza tal-istess iz-zewg partijiet qeghdin jahdmu (seduta 20.11.2015) u l-mara tahdem part time casual ma certu Richard Micallef il-Manikata bhala waitress. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici tghid li ma tahdimx u tghix bir-relief*

*filwaqt li l-konvenut huwa self employed u ghadu kemm dahhal karozza Mercedes sportiva li tiswa l-flus.*

*Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri (28/10/2002) 'l-obbli ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikoli 3 tal-Kap. 16 li jiprovdi li:*

> *"il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

*Skond l-artikolu 20 tal-Kap.16 il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezz ta' min ghandu jaghtih.*

*Illi skond is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2002 fl-ismijiet "Marthese Vella pro et noe vs George Vella" : "l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex l-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu" Inghad ukoll f'din l-istess sentenza ili "t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hu wkoll trid terfa bhal zewgha r-responsabilita ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja.*

*Veru li mil-provi ma jirrizultax li l-mara ddekadiet mid-dritt li tircevi manteniment minghand zewgha izda veru wkoll li l-mara hija b'sahhitha, twieldet fis-sena 1979 u ghalhekk ghadha lanqas ghalqet erbghin (40) sena, izda veru wkoll li dawn it-tlett itfal jirrizulta li trabbihom wahedha u zewgha ftit li xejn jghin fit-trobbija taghhom.*

*Sfortunatament il-Qrati taghna ftit li xejn taw ebda valur ghal hin u energija u anke telf ta' avvanzi fil-karriera li l-genitur li jrabbi l-ulied jitlef sabiex ikun jista jrabbi lill-uliedu specjalment meta l-genitur l-iehor ma jaghtix daqqa ta' id. U mir-ricerka li ghamlet il-perit legali hija sabet din is-sentenza moghtija* ***mil-Qorti tal-Appell per Prim Imh Degaetano fil-kawza deciza fit-3 ta' April 2009, i****r-rwol tal-Mara fid-dar u fit-trobbija tal-ulied ghandu valur ekonomiku ai fini tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kkwotat il-kaz ingliz White v White deciz mil-House of Lords fis-26 ta' Ottubru 2000 ud ak li qal Lord Nicholls of Birkenhead cioe "If in their different spheres each contributed equally to the family, then in principle it matter not which of them earned the money and built the assets. There should be no bias in favour of the money earner against the ome maker and the child-carer".*

*Hija l-fehma tal-perit legali ghalhekk li l-konvenut ghandu jghaddi lil martu manteniment ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar bl-intendiment car sabiex l-attrici tkun taf li hija ma jistghax ikollha relazzjoni ma' terzi stante li l-manteniment jinghata biex l-mara tibqa l-mara tar-ragel li qed tissepara minnu.*

***(6) Access***

*A fol 20 l-attrici tixtieq li l-access ikun ampju u liberu kif jiftehmu l-partijiet prevja li l-konvenut igib ruhu ta' missier responsabbli meta t-tfal ikunu mieghu.*

*A fol 39 l-attrici tghix li hija ma ghandhiex problem li zewgha jkollu access ghat-tfal purche li jgib ruhu sew meta jkun maghhom.*

*A fol 130 din l-Qorti ordnat permezz ta' digriet tad-9 ta' Dicembru 2015 ordna li l-konvenut ikollu access ghal uliedu billi jigborhom mid-dar u jerga jirritornhom nhar ta' Gimgha bejn l-5.30pm sad-9pm u fil-weekend gimgha mis-Sibt mil-4pm sas-7pm u l-gimgha ta' wara l-Hadd mid-9.30am sa' 12pm. Fil-weekend l-missier jigborhom mid-dar u jerga jirritornhom hemm wara l-access.*

*A fol 145 hija xehdet li ghamlet rapport l-ghassa tar-Rabat ghax meta zewgha gabilha t-tfal lura t-tifel F ta' tmien snin gie ma jiflahx u meta saqsietu qallha li xtara take away mat-tifla tal-partner tar-ragelu ghamlitlu hazin. Hija rrabjat ghax zewgha jaf li t-tifel huwa allergiku ghal prodotti tal-halib u missiu ma halliehx imur jixtri wahdu. Meta hija kkonfrontat li zewgha huqa qallha li ma kien xtara xejn ghat-tifel u li t-tifel ma kien kiel xejn izda hija kellu tiehu l-policlinic u baghtuha l-isptar bl-ambulanza. Hija ppruvat iccempel lir-ragel izda ma rrispondihiex u damet l-isptar bejn nofsillejl u l-erbgha ta' filghodu. Hija prezentat certifikat mediku u d-dokument mahrug minn Mater Dei fol 154 u 155.*

*A fol 193 din l-Qorti permezz ta' digriet tad-19 ta' Lulju 2017 ordnat li l-access mat-tifel Steve isehh biss bi ftehim ma' Steve u li l-missier ikollu access ghal F u ghal G nhar ta' Tlieta u ta' Hamis bejn l-4.30pm u s-7.30pm u fil-weekend b'mod alternat nhar ta' Gimgha mil-5pm salghada s-Sibt fil-5pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 17.11.2016) jghid li huwa kuntent bl-arrangament ta' bhalissa cioe li jiehu t-tfal nhar ta' Gimgha mil-5.30p m sad-9pm u daqqa s-Sibt mill-4.30pm sas-7pm u daqqa l-Hadd mid-9am sa nofsinhar. Jilmenta li martu qed iggib hafna skuzi biex huwa ma jarax lit-tfal.*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici tghid li hemm qbil bejniethom li l-access ikun kull nhar ta' Tlieta u Erbgha mil-4.30pm sas-7.30pm filwaqt li fil-weekend dan ikun b'mod alternat darba mil-Gimgha ghas-Sibt u darba mis-Sibt ghal Hadd mis-6.30pm sas-6.30pm. jigi rilevat li l-ordni tal-Qorti (fol 192) kienet li l-access ghaz-zewg minuri F u G ikun nhar ta' tlieta u ta' hamis bejn l-4.30pm u s-7.30pm u fil-weekend b'mod alternat nhar ta' gimgha mil-5pm sal-ghada s-sibt fil-5pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li huwa jaqbel li jkollu sleepovers kif qed isir fil-prezent u jixtieq li jinghata access ampju u ordnijiet sinifikanti dwar il-Milied, gheluq snin l-minuri u Jum l-Omm u granet l-ohra ta' certu protata.*

*Il-perit legali ma ghandha ebda oggezzjoni sabiex il-missier ikollu access fil-Milied, gheluq snin l-minuri, Jum L-Omm u Jum l-Missier, u gheluq snin il-partijiet, u Pracett u Grizma tal-minuri u tistieden lil partijiet sabiex b'permezz ta' nota konguntiva jinformaw lil Qorti bl-arrangament li waslu ghalih. Fin-nuqqas tipprovdi dina l-Onorabbli Qorti.*

*Dwar l-access kif inhu fatwat fil-prezent u il-konvenut jikkonferma biss dak li jigi ezercitat fil-weekend u ghalhekk kemm il-darba l-konvenut jikkonferma li huwa kuntent bl-arrangament tal-access fost il-gimgha , l-perit legali hija tal-fehma li ghandu jibqa kif qed jaqblu dwaru l-partijiet cioe Tlieta u Erbgha mil-4.30pm sas-7.30pm filwaqt li fil-weekend dan ikun b'mod alternat darba mil-Gimgha ghas-Sibt u darba mis-Sibt ghal Hadd mis-6.30pm sas-6.30pm u ghalhekk jigi varjat id-digriet moghti minn din l-Qorti fid-19 ta' Lulju 2017 (fol 192).*

***Komunjoni tal-Akkwisti***

***(7) Id-dar matrimonjali***

*Id-dar matrimonjali li tinsab numru tmienja (8) D'Landas Triq il-Kappella l-Qadima Bahrija u l-garage maghha l-partijiet akwistawha fiz-zwieg minghand Raymond Giordimaina u Mariella Gatt, permezz ta' kuntratt tal-ghoxrin (20 ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) atti Nutar Dottor Victor John Bisazza ghal prezz ta' mija u tmienja u hamsin elf lira Maltin (LM152,000) cioe €354,160.*

*Dwar din id-dar matrimonjali, l-attrici (fol 20) tikkontendi li l-valur tad-dar huwa ta' tlett mija u erbghin elf ewro (€340,000) u hemm house loan u hemm anke dejn ma' missier l-attrici ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmenin ewro (€223,680) liema somma kienu sselfu minghandha missierha meta xtraw id-dar.*

*L-attrici fin-nota taghha tippretendi li tali dar ghandha tigi assenjatha lilha u li wara li jitnaqsu l-krediti parafernali u l-house loan pendenti mal-HSBC , hija tghaddi lil zewgha nofs il-bilanc dovut u fin-nuqqas hija fin-nota taghha tikkontendi li ghandha tinghata zmien ragonevoli li tibqa fid-dar flimkien ma' wliedha ad eskluzjoni ta' zewgha u dan fl-interess suprem tal-minuri u wkoll stante li hija ma ghandix tigi penalizzata bl-effetti tas-separazzjoni meta hija mhix il-parti hatja tal-firda.*

*Il-konvenut fin-nota tieghu para 5.3. jippretendi li din ghandha tinbiegh u r-rikavat wara li jithallas il-house loan jinqasam ugwalment bejn il-partijiet stante li huwa hadem fiha qatiegh u ma ghandux sold taht rasu biex imur jghix bandohra. Huwa lest li ghaddi sehemu lil martu (para 5.7) tal-istess fond u hija tghaddilu sehemu mil-valur tal-istess proprjeta.*

*Il-perit legali tosserva li tali proprjeta inxtrat LM151,000 cioe €354,160 u ghalhekk huwa inverosimili li tali fond illum jiswa €340,000 cioe anqas minn dakinhar li inxtara fis-sena 2006 kif qed tikkontendi l-attrici.*

*<u>Ghaldaqstant il-partijiet ghandhom jipprezentaw permezz ta' nota konguntiva l-valur ta' din il-proprjeta illum u fin-nuqqas sta ghal Qorti li tahtar perit hi sabiex jaghmel tali valutazzjoni.</u>*

*Wara li jigi stabilit il-valur ta' dan il-fond fil-prezent, il-perit legali hija tal-fehma li r-ragel ghandu jassenja sehemu ta' tali fond lil martu bil-prezz kif stabilit u wara li jitnaqsu l-krediti parafernali tal-mara, l-mara tghaddilu nofs il-bilanc.*

*Dan qed jinghad tenut kont li t-tfal kollha trabbew fl-ambjent tal-Bahrija u ghalhekk huwa ghal gid tat-tfal tal-partijiet ukoll li jibqghu jirrisjedu fl-istess dar.*

***(8) Kontijiet bankarji***

*Il-konvenut fol 17 tan-nota tieghu jissottometti li l-partijiet ghandhom jithallew izommu l-kontijiet rispettivi taghhom filwaqt li kwalsiasi bilanc li ghad fadal fi kwalsiasi kont kongunt tal-partijiet ghandu jinqsam bejn il-partijiet.* ***Anke l-attrici fol 6 tan-nota taghha taqbel ma dan b'dan li r-ragel ghandu jirrifondi nofs l-flejjes kollha li huwa ha mil-kontijiet u li jirrizultaw minn li statements esebiti mir-rapprezentanti tal-Banek.***

*Skond ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-bank l-partijiet jirrizulta li l-mara ghandha tlett kontijiet mal-Bank of Valletta (seduti 22.10.2015 u 10 ta' Lulju 2018) cioe Dok BOV A account E, BOV B kont D, u dok BOV C kont E u kont wiehed mal-HSBC(Malta) plc u kont wiehed malHSBC (Malta ) plc Dok Amb 3. Filwaqt li r-ragel ghandu kont wiehed mal-HSBC (Malta) plc DOk AMB 4 (seduti 22.10.2015 u 10 ta' Lulju 2018).*

*Il-perit legali hija tal-fehma li kull parti ghandha zzomm il-kontijiet intestat f'isimha u l-mara ghandha tobliga ruhu li t-tlett kontijiet intestati f'isem it-tfal E D u E ghandhom jibqghu tat-tfal. D li llum ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena l-mara ghandha tiehu hsieb li dan jinqaleb fuq isimha.*

*Dwar ir-rifuzjoni li l-mara qed tikkontendi dan ser jigi relatati fil-paragrafu li jirrigwarda l-kreditu parafernali taghha.*

***(9) Vetturi***

*Dwar il-vetturi tal-partijiet, jirrizulta li hadd minn Transport Malta ma gie jixhed fir-rigward u mil-provi ma jirrizultax li gie pruvat li xi hadd mil-partijiet akwista xi vettura matul dan iz-zwieg.*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut para 5.11 21 5.15 jikkontendi li l-partijiet ghandhom BMW FBB-812, Mercedes MIC-051; Opel Nova CAG-091, truck Toyota FBO-253 ma ngabet ebda prova li dawn jappartjenu l-komunjoni tal-akwisti. Huwa jaqbel li l-vettura BMW FBB-812 biss li hija vettura li harget fis-sena 1991 inxtrat fiz-zwieg u ghandha tigi assenjatha lilu stante li juzaha kuljum ghax-xoghol u martu qatt ma saqitha.*

*Dwar il-Mercedes MIC-051 din ma tappartjenix il-komunjoni u skond il-konvenut din hija proprjeta ta' terzi familjari tieghu; l-vettura Opel Nova CAG-091 ilha zmien li nbieghet u t-Toyota FBO-253 hija vettura mhux truck u ma tiffurmax parti mil-komunjoni tal-akwisti u tappartjeni lil terzi familjari tal-esponenti u hija registrata fuq terzi.*

*Illi pero ma jirrizultax li l-partijiet gabu ebda prova tal-ezistenza ta' dawn il-vetturi u wisq anqas lil min jappartjenu u fuq min huma licenzjati u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tilqa dak li qed titlob l-attrici fin-nota taghha ghajr dak dwar il-vettura BMW FBB-812 li dwarha biss jidher li hemm qbil li din tappartjeni l-komunjoni tal-akwisti.*

*Li ghalhekk tali vettura l-partijiet ghandhom jaqblu dwar il-valur tal-istess vettura u l-mara tinghata l-ghazla jekk tridx li tixtri sehem ir-ragel ta' tali vettura u fin-nuqqas tali vettura tigi assenjata lir-ragel u hija tghaddilu nofs il-valur li jaqblu dwaru lill-istess konvenut.*

*Rigward il-vetturi l-ohra, li skond l-konvenut kollha licenzjati fuq il-familjari tieghu ghajr l-Opel li nbieghet, tenut kont li ma ngabet ebda prova kuntrarja mill-attrici, l-perit legali ma tistghax tilqa t-talba taghha dwar il-vetturi l-ohra.*

*Rigward l-vettura Opel li l-konvenut jghid fin-nota tieghu para 5.14 li nbieghet, l-konvenut ghandu jghaddi nofs il-flus li dahhal mil-bejgh ta' din il-vettura lill-attrici ghalkemm prova ta' kemm bieghha qatt ma saret f'din il-kawza pero huwa jammetti li beighha.*

***(10) Mobbli fid-dar matrimonjali***

*Il-partijiet ma ghamlu ebda referenza jew talba kif dawn il-mobbli ghandhom jigu assenjati u lanqas valur jew lista taghhom ma giet prezentata. Ghaldaqstant l-esponenti hija tal-fehma li jkun gust u ekwu li tali mobbli jigu assenjati kollha lil mara tenut kont li l-konvenut irnexxielu jahbi hafna flus mil-qliegh li ghandu f'dan il-business tieghu u tenut kont ukoll li jaffordja jigri b'certu vetturi ta' lussu.*

*Kemm il-darba l-Qorti ma taqbilx ma' dan, hija l-umli fehma tal-esponenti li l-partijiet ghandhom jipprezentaw b'nota konguntiva liema mobbli kull parti tixtieq li izzomm. Fin-nuqqas tali assenjazzjoni ghandha ssir bil-polza wara li l-partijiet jipprezentaw b'nota konguntiva lista tal-mobbli kollha fl-istess dar matrimonjali nkluz il-garage.*

***(11) Krediti Parafernali***

*Preliminarjament jigi rilevat li inzammu erba seduti wara li l-partijiet ghalqu l-provi u pprezentaw n-noti stante li l-perit legali ma sabitx l-inkartament tas-seduti dwar dawn il-krediti fil-process izda wara rrizultalha li l-inkartament minflok fil-process gie inserit fi spoll. Illi ghalhekk il-perit legali qed taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti.*

*Skond kuntratt tal-20 ta' April 2006 atti Nutar dottor Victor John Bisazza (seduta 7 ta' April 2017 u fol 56 et), l-partijiet akwistaw minghand Raymond Giordimaina u Mariella Gatt il-fond matrimonjal li jinsab Il-Holma numru tmienja (8) Triq il-Kappella il-qadima il-Bahrija inkluz il-garage sottostanti.*

*Tali fond inxtara ghas-somma ta' LM152,000 li minnu LM1000 huwa l-valur tal-effetti mobbli u LM151,000 huwa l-valur tal-proprjeta immobiljari trasferita.*

*Minn l-istess kuntratt jirrizulta wkoll li l-partijiet hadu self ta' mija u tmienja u hamsin elf lira Maltin (LM158,000) cioe €368,140 li minnhom LM150,000 thalsu fix-xiri tal-proprjeta immobiliari u LM8000 ghal bzonnijiet tal-partijiet.*

*Minn l-istess kuntratt jirrizulta li l-genituri tal-attrici O u martu S konjugi P dahlu garanti solidali mal-partijiet u iskrivew ipoteka specjali fuq l-fond numru wiehed u hamsin (51) Le Mirage Triqil-Kwarta Swieqi.*

*Dwar din id-dar matrimonjali, l-attrici (fol 20) tikkontendi li l-valur tad-dar huwa ta' tlett mija u erbghin elf ewro (€340,000) u hemm house loan u hemm anke dejn ma' missier l-attrici ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmenin ewro (€223,680) liema somma kienu sselfu minghand missierha meta xtraw id-dar.*

*Missierha wkoll kien hareg ghoxrin elf ewro (€20,000) li halsu bollol meta xtraw id-dar matrimonjali u kif ukoll kien sellifhom is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf disgha mija u sittin ewro (€27,690) meta l-partijiet xtraw l-ewwel maisonette.*

*Hija tixtieq li sehem zewgha tad-dar matrimonjali jigi assenjat lilha tenut kont li meta tnaqqas il-valur tad-dar u d-dejn ma missier l-attrici jibqa biss disat elef mitejn u dsatax il ewro (€9219) u ghalhekk sehmu huwa nofs cioe erbat elef sitt mija u disgha ewro u hamsin centezmu (€4,609.50c).*

*L-attrici tikkontendi wkoll li zewgha ghandu jghaddilha nofs l-pagamenti mensili li halset biex jinqata l-laon tad-dar li sa minn Awissu 2014 hija halset elfejn hames mija u hamsa u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€2,535.36).*

*Wara bieghu il-maisonette u xtraw minflok dar ikbar b'garage kbir. Mil-bejgh tal-maisonette kien baqa f'idejhom €60,910 u l-flus li kienu sselfu minghand missierhom ma tawhomlux anzi kellhom jisselfu minghand missierhom 223,680 ewro u hadu loan mil-HSBC ta' 76,890 ewro.*

*Il-pagamenti tal-loan fl-ammont ta' 316.92 ewro fix-xahar l-attrici tghid li thallashom hija.*

*Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 missier l-attrici xehed li dwar is-self ta' LM10,000 li ghamel lil partijiet, huwa l-mamma ta' dan ic-cheque ma ghandux u lil konvenut qatt ma talabhomlu u qatt ma halsuh lura.*

*Missier l-attrici jichad li s-somma M2200 li sellifhom mal-konvenju l-konvenut hallashom lura b'xoghol li ghamillu fil-karozzi tieghu anzi ta' dan ix-xoghol dejjem halsu tieghu. Xoghol li ghamillu fil-karozzi tat-tigrijiet dan sar meta l-konvenut kien ghadu jahdem maghhom l-Avis u dan kien parti mix-xoghol tieghu u kien jithallas tal-overtime ukoll. Ix-xoghol li ghamillu fuq il-karozza Escort tal-hillclimb u servicing fuq l-karozzi tat-tfal li ghamillu dejjem halsu taghhom u kien ihalsu skond is-service li kien jaghmel. Fuq l-Escort huwa xejn li tal-hillclimb ghamilha fourwheel drive u kien escort ta' tlielaq qabel u kkonveriha four wheel drive. 'jekk tista tghid hekk LM200 ghamilhom xoghol fuq l-Escort'.*

*Huwa kien ihallas il-kera tal-garage fejn il-konvenut kien izomm il-karozzi u anke d-dar u ilma kien ihalsu hu. Il-konvenut kien juza l-lo loader tieghu biex jaghmel servizz ta' towing u jgorr*

*l-krozzi tat-tlielaq fuqu. Il-konvenut kien jithallas meta kien juza l-low loader u flus qatt ma ghaddielu. Il-Land cruiser il-konvenut beda jigri bih u li ghamilli zebgha u forsi xi service.*

*Rigward id-dar tal-Bahrija, mistoqsija kif jekk huwa ghaddilhom LM2200 u LM10,000 kif meta gew biex ibieghuh kien ghad fadal loan ta' LM15,000 missier l-attrici wiegeb li dan ghax fil-perjodu ma halsu xejn mil-loan u ma jafx.*

*Dwar is-somma ta' LM96,000 huwa harighom u hemm dokumenti li juru dan u kien sar bank transfer. Il-bollol mal-kuntratt ukoll thalsu minnu.*

*Fl-affidavit tieghu (seduta 7.11.2016) il-konvenut jghid li meta xtraw l-maisonette fil-Bahrija din kienet tiswa LM27,000 u kienu hadu loan minghand l-HSBC biex ikopru l-prezz kwazi kollu. Missier il-mara tahom xi haga zghira xi LM2000 biss u l-bqija kollha halsu huma. Huwa jghid li dawn l-Lm2000 qatt ma hallashom lura ghax gew pacuti bix-xoghol li ghamillu meta hadimlu fil-karozzi tieghu tat-tigrijiet tat-tlielaq tal-hillclib liema xoghol kien jammontaw ghal madwar 16,000 ewro.*

*Wara xtraw id-dar bil-prezz ta' LM150,000 u kienu hadu loan minghand l-HSbc. Veru li missierha kien qaghad bhala garanti ghas-somma ta' LM90,000 imma hu qatt ma ghaddielhom xi flus jew hallas xi haga minn din is-somma. Skond hu lil missierha ghalhekk ma ghandhom jaghtuh xejn. Huwa jichad li missierha hareg xi flus ghal bolol u kieku kien hemm martu kienet tajru bihom.*

*Mix-xhieda tar-**rapprezentant tal-Lombard Bank Dr Antonio Tufigno** (seduta 4.3.2016) jirrizulta li l-bank draft mahrug mil-Lombard Bank numru 53489 fil-31 ta' Mejju 2006 ma kienet tghajjat lil hadd mil-partijiet u li c-cheque huwa bank draft minn bank ghal bank u li ismijiet ma ghandux.*

*Ir-rapprezentant tal-**Hsbc (Malta) plc Rena Busuttil (seduta 20.11.2015)** kkonfermat fix-xhieda taghha li O u S P kienu ghamlu garanzija ta' LM7700 biex jaghmlu tajjeb ghal house loan li l-bank ta lill-partijiet. Hija xehdet ukoll li l-kontijiet numru 1870067 u 19360066 huma l-kontijiet tal-house loans li nghalqu fil-5 ta' Mejju 2007 u li dawn thalsu lil Bank of Valletta permezz ta' cheque u LM12,614.46 marru fil-kont numru 1870067 u LM8203.41c fil-kont 19360066. Ic-cheuqe tal-Bank of Valletta kien aktar ghax marru wkoll f'kont iehor. Ic-cheque kien ta' LM33,102.27c mahrug mil-Bank of Valletta cheque number 584335. Hija xehdet li l-partijiet kellhom dejn iehor u l-bilanc mar f'dan il-kont u li c-cheque tal-Bank of Valletta gie minn bejgh ta' proprjeta. It-tielet kont kien house loan ukoll pero l-garanzija kienu fuq t-tnejn li semmiet biss.*

*Rena Busuttil regghet xehedet (seduta 4.3.2016) meta mitlub tixhed dwar l-entrata li saret fl-20 ta' April 2006 kif jirrizulta minn Dok HSBC (i) hija spjegat li din giet mil-Lombard Bank minn bejgh ta' proprjeta li tinsab 51 La Mirage Triq il-Kwarta Swieqi u dahlet fil-kont ta' S & D B u kkonfermaw li huma Cu A B u l-proprjeta fis-Swieqi kienet ta' O u S konjugi P. Ix-xhud pprezentat dok HSBC (ii) deposit slip li turi li c-cheque depozitat kien ta' Lombard Bank fl-*

*ammont ta' LM95,165.55c; dok HSBC (iii) l-form B li turi li l-ipoteki fuq La Mirage gew kancellati u din hija datata l-ewwel ta' Gunju 2006; dok HSBC (iv) li hija s-sanction letter. Ix-xhud ikkonfermat li l-kont ta' S & D B kien bridge loan.*

*Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2015 Audrey Ghigo in rapprezetanza tal-Hsbc (Malta) plc ipprezentat kont intestat f'isem missier l-attrici O P tas-sena 2006 filwaqt li Nazzarena Busuttil in rapprezentanza tal-Hsbc Home loans fl-istess seduta xehdet li O u S P kienu ghamlu garanzija ta' LM7700 biex jaghmlu tajjeb ghal house loan li l-bank kien ta lil partijiet. Kien hemm zewg kontijiet ta' house loans kont numru 18700667 u iehor 19360066 li nghalqu fil-5 ta' Mejju 2007 meta thalsu b'cekk tal-Bank of Valletta u li minnhom l-ammont ta' LM12,614.46 marru fil-kont 18700667 u LM8203.41 fil-kont 19360066. L-ammont ta' dan ic-chekk tal-Bank of Valletta ghax kien hemm ammont li mar f'kont iehor ukoll u dan kien ta' LM33,102.27c mahrug mil-Bank of Valletta chekk numru 584335 u kien gej minn bejgh ta' proprjeta. Kellhom dejn iehor u l-bilanc mar f'dan il-kont. It-tielet kont kien house loan ukoll pero l-garanzija kienu fuq O u S P.*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici tikkontendi li missierha ghandu jiehu s-segwenti ammonti:*

*LM95,000 ossia €221,290.47) rapprezentanti ammont imhallas minn missierha;*

*LM8000 ossia €18,634.98 rapprezentanti bolla mhalsa rigward proprjeta mixtrija mil-partijiet;*

*LM15000 ossia €34,940.60 depozit imhallas minn missier l-attrici fuq l-konvenju rigward id-dar li xtraw il-partijiet;*

*€1691 pagameti tal-bridge loan ta' €66 fix-xahar bejn Gunju 2005 u Mejju 2006;*

*Loan repayment fl-ammont ta' €316.92 fix-xahar li thalsu u qed jithalsu kull xahar minn missier l-esponenti rigward is-self marbut mad-dar jonjugali u dan minn Ottubru 2014 sal-lum*

*LM12,000 ossia €27,952.48 ammont li missier l-attrici silef lil partijiet inwkantu ghal LM2200 biex l-partijiet ghamlu l-konvenju fuq il-maisonette (l-ewwel fond akwistat mil-partijiet); u LM10,000 harighom missierha peress li l-bank ma sellifhomx bizzejjed biex ikopru l-prezz.*

*Il-konvenut minn naha l-ohra fin-nota tieghu jichad dan kollu u jikkontendi li l-genituri tal-attrici kienu biss garanti meta xtraw id-dar matrimonjali li tinsab il-Bahrija.*

*Illi ghalhekk il-perit legali hija obligata tirrelata dwar dawn il-krediti parafernali li l-attrici qed tippretendi a bazi tal-provi prodotti.*

*Illi fil-kamp civili, kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u*

*fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic- certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l- motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil- qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill- presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (non esse et non probari paria sunt).*

*Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).*

*Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-*

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.*

*Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

*In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***K Stella Borg vs Joseph Cassar et*** *deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-*

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

***(12) Krediti parafernali tal-attrici fuq id-dar matrimonjali D Landas sive l-Holma Triq il-Kappella l-Qadima Bahrija***

*Mill-atti jirrizulta li l-partijiet xtraw din id-dar fl-imkien mal-garage sottostanti li tinsab D Landas sive il-Holma numru tmienja (8) Triq l-Kappella l-Qadima l-Bahrija fl-20 ta' April 2006 (fol 56 et) bil-prezz ta' LM152,000 u l-partijiet hadu bridge loan ta' LM158,000 skond kif jirrizulta minn l-istess kuntratt. Misierha hallas LM95,165.55c minnhom, LM27,000 mill-bejgh tal-ewwel dar li kellhom l-partijiet u l-bilanc ta' LM35,000 house loan li l-partijiet ghadhom ihalsu mal-HSBC sal-lum.*

*Dok TA2 (seduta 5.4.2017) huwa cheque ta' LM1570 mahrug mil-kont ta' O P favur in-Nutar Victor J Bisazza fil-21 ta' Ottubru 2005 u Dok TA2 esebit fl-istess seduta huwa cheque ta' LM15200 mahrug ukoll minn O P mill-kont tieghu favur il-vendituri fil-21 ta' Ottubru 2005, t-tnejn fl-istess gurnata li sar il-konvenju (Dok HSBC (f) seduta 24.10.2018).*

*Wara xtraw id-dar bil-prezz ta' LM152,000 u kienu hadu loan minghand l-HSBC. Il-konvenut jghid li veru li missierha kien qaghad bhala garanti ghas-somma ta' LM90,000 imma hu qatt ma ghaddielhom xi flus jew hallas xi haga minn din is-somma. Skond hu lil missierha ghalhekk ma ghandhom jaghtuh xejn. Huwa jichad li missierha hareg xi flus ghal bolol u kieku kien hemm martu kienet tajru bihom.*

*Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Lombard Bank Dr Antonio Tufigno (seduta 4.3.2016) jirrizulta li l-bank draft mahrug mil-Lombard Bank numru 53489 fil-31 ta' Mejju 2006 ma kienet tghajjat lil hadd mil-partijiet u li c-cheque huwa bank draft minn bank ghal bank u li ismijiet ma ghandux.*

*Izda mix-xhieda tar-r-rapprezentant tal-Hsbc (Malta) plc Rena Busuttil (seduta 4.3.2016) jirizulta li l-partijiet kienu hadu bridge loan meta xtraw id-dar; li meta O u S konjugi P l-genituri tal-attrici bieghu d-dar taghhom fi Swieqi mil-kont taghhom fil-Lombard Bank huma hargu cheque ta' LM95,165.55c favur il-partijiet li gie depozitata fil-house loan taghhom u ghalhekk gie kancellat il-loan. Dan gara fid-29 ta' Mejju 2006. (Dok HSBC (i) u HSBC (ii) seduta 4.3.2016).*

*Skond ir-rapprezentant tal-Lombard Bank Dr Antonio Tufigno (seduta 4.3.2016) d-draft kien inhareg mil-Lombard bank numru 53489 fil-31 ta' Mejju 2006 li sar minn bank ghal bank u li*

*ma tajjat ebda wahda mil-partijiet. Minn dok HSBC (ii) jirrizulta li l-ammont ta' LM95,165.55 gew minn numru 53489 Lomb ghal Lombard bank meta mitlub jixhed dwar l-entrata li saret fil-31 ta' Mejju 2006 kif jirrizulta minn Dok HSBC (i).*

*Li ghalhekk mhux minnu dak li qed jikkontendi l-konvenut li l-loan thallas minnu u minn martu biss anke ghaliex irrizulta li dan kien bridge loan u meta wiehed jiehu bridge loan ikun marbut b'terminu biex ihallas is-somma mislufa. Difatti mil-kuntratt ta akwist tal-20 ta' April 2006 atti Nutar Victor John Bisazza jirrizulta li l-genituri tal-attrici ghamlu garanti solidali bid-dar taghhom gewwa 51 Le Mirage Triq il-Kwarta Swieqi Ibragg limiti ta' San Giljan ghas-somma mislufa ta' LM158,000.*

*Mill-atti ghalhekk jirrizulta li tali somma huwa kreditu parafernali tal-attrici tenut kont li l-genituri tal-partijiet dejjem ghamluha cara fix-xhieda taghhom li tali ghajnuna dejjem tawha lit-tifla ad esklusjoni ta' zewgha.*

*Li ghalhekk is-somma ta' €221,735.73c (LM95,165.55) huwa kreditu parafernali tal-attrici kif ukoll li missierha mal-konvenju kien hareg is-somma ta' LM1570 cioe €3568.10c u LM15,200 cioe €35,416 total ta' €260,719.83c.*

***Rigward is-somma ta' LM8000 ossia €18,634.98** rapprezentanti bolla mhalsa rigward proprjeta mixtrija mil-partijiet jigi rilevat li skond l-kuntratt ta' akwist tad-dar matrimonjali atti Nutar Victor Bisazza imsemmi hawn fuq jirrizulta wkoll li thalset is-somma ta' LM7550 taxxa (fol 59 overleaf) u jsemmi wkoll li minnhom diga thalsu LM1510 skond ricevuta numru 169081, izda minn min saru dawn il-pagamenti prova ma saritx u ghalhekk tali talba ma tistghax tigi milqugha. Dwar il-kont tan-nutar Bisazza ghal dan il-kuntratt giet esebita ircevuta tal-vat fl-ammont ta' €1345.20c tat-30 ta' April 2006 mill-attrici (seduta 18.9. 2018) u kont ta' LM5085.49 li l-attrici tghid li hareg minn kont ta' missierha, fil-21 ta' April 2006, izda prova ta' dan ma ngabitx u ghalhekk il-perit legali ma tistghax taqbel mal-attrici meta tghid li dawn iz-zewg ammonti harighom missierha u ghalhekk huma krediti parafernali taghha.*

*Rigward is-somma ta' €1691 pagamenti tal-bridge loan ta' €66 fix-xahar bejn Gunju 2005 u Mejju 2006 u l-loan repayment fl-ammont ta' €316.92 fix-xahar minn Ottubru 2014 sal-lum, gew prezentati l-payment vouchers li saru mil-kont ta' missier l-attrici O P, mix-xhieda tar-rapprezentant tal-HSBC (Malta) plc (seduta 18.9.2018) hija pprezentat hamsin (5) payment voucher li saru fil-loan account numru 13529288 f'isem il-partijiet mid-29 ta' Ottubru 2014 sat-28 ta' Awissu 2018 u xehdet ukoll li voucher wahda dik tat-28 ta' Ottubru 2015 biss turi li l-hlas ta' €300 li sar minn O P ghal dan il-loan account Dok XX. Hija xehdet ukoll li l-vouchers tas-27 ta' Dicembru 2014, tat-18 ta' Mejju 2015, tal-25 ta' gunju 2015 u tat-28 ta' jannar 2017 ma instabux.*

*Il-konvenut fl-istess seduta (18.9.2018) xehed li minn Settembru 2014 sal-lum huwa ma ghadda ebda pagament fil-house loan anke l-life insurance huwa waqaf ihallasha mis-sena 2014 u li l-mara thallasha. Il-mara fl-istess seduta xehdet li l-pagamenti li kienet taghmel fil-house missierha kien jaghmilha cheque kull xahar ta' €316.92 u hija ddahhal ic-cheque fil-kont*

*taghha mal-HSBC u l-bank jaqta direttament fil-house loan. Il-kont ta' missierha wkoll mal-HSBC u dan minn Settembru 2014 sal-lum. Alison Mifsud Brimmer in rapprezentanza tal-HSBC (Malta) plc fl-istess seduta xehdet li kien hemm xi zmien li l-entrati ma kienu ghaddew ghax ma kienx hemm flus u gew returned u hija indikat b'cirku liema huma dawn.*

*Minn dawn l-vouchers jirrizulta li hafna minnhom thalsu cash, u Dok XX imsemmija hawn fuq fis-somma ta' €300, dik tat-28 ta' Lulju 2006, tat-2 ta' Marzu 2017, tal-25 ta' Lulju 2017 it-tlieta ta' €316.92 kull wahda biss hargu minn O P.Ir-ragel jammetti li minn Settembru 2014 sal-lum huwa ma hallas xejn minn dan il-houseloan u lanqas mill-insurance ta' mal-loan. Ghaldaqstant il-mara ghandha kreditu parafernali ta' nofs il-pagamenti kollha li saru minn Settembru 2014 sal-lum fil-house loan inkluz tal-insurance konnessa ma' tali loan u ghalhekk tistieden lil mara tipprezenta rendikont tal-istess u nofs il-pagamenti li saru qabel u li jirrizulta li saru mil-kont ta' missierha cioe ta' €300, u tat-28 ta' Lulju 2006 fl-ammont ta' €316.92c. ir-ragel ghandu jghaddu nofs dawn l-ammonti stante li n-nofs l-iehor l-attrici uzatu biex halset sehemha mil-house loan.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li jkun gust u ekwu tenut kont li l-attrici ghadha qed trabbi t-tfal, li d-dar matrimonjali tigi assenjatha lill-attrici wara li ssir valutazzjoni proprja taghha u jitnaqsu l-krediti parafernali taghha u d-dejn rimanenti fuq l-istess dar, u nofs l-arretrati tal-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha, mil-bilanc bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 kif ser jigi spjegat hawn taht hija ma ghandha tghaddi xejn mil-bilanc, jekk jibqa bilanc.*

***(13) Dwar il-Maisonette u garage Triq il-Fiera Bahrija***

*Meta zzewgu l-partijiet xtraw maisonette u garage sottopost ghall-istess maisonette fi Triq il-Fiera l-Balrija u dan permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Frar 2001 atti Nutar Anthony Abela bil-prezz ta' LM22,000 (fol 41 et) li minnu jirrizulta l-partijiet hadu self ta' LM25,000 kwantu ghal LM18,800 thalsu lil vendituri u LM6200 ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet u arrangamenti fl-istess proprjeta. Is-sanction letter a fol 46 et turi li LM15,000 kienu subsidised/preferential loan u LM10,000 commercial loan. U li para 3 intitolat 'Purpose' a fol 47 hemm imnizzel 'To end finance the construction and completion of your residence.' Jirrizulta minn fol 55 li l-genituri tal-attrici ghamlu garanti ghal partijiet mal-istess bank fl-ammont ta' LM7700.*

*O P a fol 61 fl-affidavit tieghu xehed li meta l-partijiet xtraw il-maisonette din xtrawha bil-prezz ta' LM27,000 u l-bank loan tahom biss LM15,000 u huwa hareg LM2200 fi flus kontanti u LM10,000 ohra fuq il-kuntratt.*

*Mil-provi jirrizulta biss li O P u martu ghamlu garanti tal-atturi tas-somma ta' LM7700 izda ebda prova ma ngabet li huma effettivament hargu xi flus. Veru li l-mezzanin u l-garage inxtraw LM22,000, u l-bank hallas lix-xerrejja LM18,500 u ghalhekk id-differenza ta' LM3500 thalset minn xi hadd kif anke thalset LM800 boll u kif thallas in-nutar tax-xoghol tieghu. Izda ebda prova ma ngabet li dawn thalsu minn O P.*

*Ghaldaqstant it-talba tal-attrici ghal dan il-kreditu parafernali ta' LM12,200 ma tistghax tigi milqugha stante li ma gietx pruvata.*

*Pero jinghad ukoll li l-partijiet bieghu tali maisonette kif jirrizulta mil-kuntratt ta' bejgh a fol 79 et atti Nutar dottor Naomi Micallef Mugliett tas-27 ta' April 2007 bieghu din il-maisonette bil-prezz ta' LM55,000 u bieghu ukoll l-garage bil-prezz ta' LM5,900; u l-attrici fl-affidavit taghha a fol 39 tghid li meta bieghu l-ewwel fond u garage li xtraw minn dan il-bejgh kien baqa f'idejhom LM60,910.*

*L-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet tikkontenti li LM900 minnhom thalset is-senserija u LM33,000 marru direttament bil-bank biex thallas l-loan tal-maisonette u ghalhekk netti l-partijiet kien fadlilhom LM27,000 u din is-somma marret biex thallas akkont il-house loan li huma hadu mal-HSBC fuq it-tieni dar li xtraw cioe 8 D Landes Triq il-Kappella l-Qadima Bahrija.*

*Mid-dokumenti esebiti mill-HSBC (Malta) plc (seduti 18.9.2018 u 24.10.2018) jirrizulta li l-partijiet hadu self minn l-istess bank ta' LM95,000 u self iehor ta' LM30,000 u s-sanction letter ghal kull self harget fl-istess gurnata cioe fit-28 ta' Ottubru 2005. Il-fond kien inxtara bil-prezz ta' LM152,000 u dan kif jirrizulta mil-kuntratt tal-akwist tal-partijiet kuntratt Nutar Dottor Victor John Bisazza tal-20 ta' April 2006. Illi ghalhekk meta wiehed inaqqas is-somma ta' LM125,000 mislufa jibqa bilanc ta' LM27,000 li jgibu s-somma totali ta' LM152,000. Ghaldaqstant fil-fehma tal-perit legali l-attrici ppruvat li mil-bilanc tal-bejgh tal-ewwel dar cioe is-somma ta' LM27,000 marret bhala hlas akkont fuq l-akwist tat-tieni fond tal-partijiet.*

***(14) Mobbli***

*L-attrici tikkontendi li l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali intraw minn missierha. (fol 40) filwaqt li r-ragel fl-affidavit tieghu (seduta 7.11.2016) jikkontendi li l-ghamara ta' god-dar dawn kienu diga hemm meta xtraw id-dar u l-affarijiet l-ohra xtrawhom fiz-zwieg.*

***(15) Divorzju***

*Ghalkemm ebda talba ghadha ma saret mil-partijiet ghax-xoljiment ta' dawn iz-zwieg, il-partijiet huma eligibbli ghad-divorzju tenut kont li ilhom separati de facto ghal aktar minn erba snin u jistghu jaghmlu t-talba f'dawn il-proceduri.*

***(16) Applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili fir-raba talba attrici***

*Din it-talba hija sabiex jigi l-applikat l-artikolu 48 tal-Kodici Civili. Fil-kawza fl-ismijiet Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia deciza fit-2 ta' Ottubru 2003 l-Qorti qalet li: "Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40 ( u cioe eccessi, mohqrija, theddid jew ofizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment) jist ajkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48 meta l-Qortijidhrilha li, that*

*ic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu. "l-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-partijiet".*

*Il-perit legali hija moralment konvinta sla-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lil konvenut u ghaldaqstant ma hemm ebda raguni ghaliex d-siposizzjonijiet tal-Artikolu 48 ma ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenuta.*

*Stante li l-perit legali hija tal-fehma li mill-provi jirrizulta li t-tort ghal firda personali huwa tal-konvenut u li formanti parti mil-komunjoni tal-akwisti hem mil-fond matrimonjali hawn fuq imsemmi bil-garage mieghu, b'applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tali proprjeta ghandha titqies bhala proprjeta esklusiva tal-attrici u ghalhekk il-mara ma ghandha tghaddi xejn minn kwalunkwe bilanc li jibqa wara li jithalsu d-djun hawn fuq imsemmija.*

*Ghaldaqstant:*

*L-ewwel talba: tigi milqugha*

*It-tieni talba: milqugha limitatament ghal E, F u G stante li l-kbira D ghandha 25 sena b'dan li decizjonijiet ta' sahha, safar u edukazzjoni jittiehdu mil-partijiet kontuntivament;*

*It-tielet talba: din ghandha tigi milqugha;*

*Ir-raba talba: din ghandha tigi milqugha kif spjegat hawn fuq;*

*Il-hames u s-sitta talba: jigu milqugha b'dan li jsir valur tal-immobbli li ghandhom l-partijiet fil-prezent; li sehem l-konvenut jigi assenjat lill-attrici b'dan li minn tali valur kif hekk stabilita jitnaqsu l-krediti parafernali tal-attrici hawn fuq imsemmija, u mil-bilanc jithallas l-house loan rimanenti, jitnaqsu nofs l-ispejjez tal-arretrati tal-edukazzjoni u sahha dovuti mil-konvenut, minn dak li jibqa, nofs dan l-ammont l-attrici ghandha tghaddih lil konvenut;*

*Is-seba talba: din ghandha tigi michuda stante li ghajr dawn il-krediti parafernali ma rrizulta xejn aktar.*

*Kemm il darba l-partijiet jaghmlu t-talba tax-xoljiment ta' dan iz-zwieg huma eligibbli ghal dan.*

*Tant l-esponenti ghandha x'tissottometti lil dina l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-

konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lill-Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, liema talba ġiet konvertita f'tali minn talba għal firda personali permezz ta' digriet datat 2 ta' Awwissu 2019.[14] Il-partijiet kienu żżewġu nhar il-25 ta' Marzu 2000, minn liema żwieġ twieldu ebat' (4) ulied, u ċjoe' D B imwielda nhar it-3 ta' Awwissu 1993, E B imwieled nhar it-22 ta' Ġunju 2001, F B imwieled nhar it-18 ta' Lulju 2007, u G B mwieled nhar il-25 ta' Lulju 2013, u b'hekk għandhom 28, 21, 14 u 8 snin rispettivament.

Madanakollu u ġialadarba l-miżżewġin ma humiex separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, l-attriċi qed iżomm ferm mal-bqija tat-talbiet tagħha kif dedotti fir-rikors promotur u dan abbażi tal-Artikolu 66D subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, apparti l-ħall taż-żwieġ l-Qorti għandha ukoll tirregola l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi evalwat min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika *o meno* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-ulied tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li takkorda manteniment adegwat għal minuri;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-krediti u proprjeta' parafernali tagħha.

[14] Fol. 783.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata iżda ma jaqbilx li hemm krediti parafernali a favur l-attriċi. Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ.

## 2. Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ u l-Ħall taż-Żwieġ:

*Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:*

*Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa Minnhom:*

Fin-nota ġuramentata tagħha,[15] u fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ l-attriċi tikkontendi illi tali responsabbilita' hi imputabbli unikament lill-intimat u dan minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun fil-konfront tagħha. Madanakllu, a skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

a. *Artikolu 66D tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:*

Dan l-artikolu tal-liġi, f'subinċiż 1 jiġi stipulat illi:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ*

[15] Fol. 19.

*illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba".*

Konsegwentament, u b'referenza speċifika għal subinċiż 3, il-liġi tisħaq illi:

*"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni".*

b. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[16] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **K Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[17] u **Antoinette**

[16] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[17] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

**Cauchi vs Alexander Cauchi**,[18] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **K Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[19] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[20] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[21]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[22]

c. <u>*Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*</u>

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[23] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[24].

[18]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[19]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[20]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[21]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[22]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[23] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[24] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **K Dolores sive N Scicluna vs. Anthony Scicluna**[25] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

d. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".* Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[26] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

[25] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **S Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[27] fejn il-Qorti sostniet illi: *"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

*Applikazzjoni taż-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Mill-atti jirriżulta ċar li l-verżjonijiet tal-partijiet dwar il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija waħda kunfliġġenti, hekk kif min-naħa waħda l-attriċi tisħaq illi ż-żwieġ tkisser tort tal-konvenut minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenut jirribatti illi ż-żwieġ tkisser minħabba l-attriċi għaliex kienet tipprijoritarizza lill-familtha u x-xogħol fin-negozju ta' oħtha, u per konsegwenza kienet tqatta' aktar ħin magħhom u kienet ukoll tħallihom jindaħlu fil-ħwejjeġ privati tal-partijiet.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Magħdud ma' dan, il-Qorti pjenament taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali, u ċjoe' li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi unikament fil-konvenut u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Huwa kkonfermat illi l-konvenut kien iqatta' ħafna sigħat barra mid-dar fuq xogħol, u dan kif ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' W I, ossija oħt il-konvenut;

b. Minħabba l-fatt li l-konvenut kien iqatta' ħafna ħin barra mid-dar, il-konvenut qatt ma kien ikun preżenti u barra minn hekk qajla kien jittenta joħroġ mal-attriċi u uliedu, filwaqt li għal kull avveniment tal-familja kien jittratjeni biex imur,[28] u għalhekk l-attriċi kienet tħossha waħedha tant li fl-affidavit tagħha hija tisħaq illi *"matul is-snin, il-problemi tagħhna kienu li ma jqattax ħin magħna bħala familja"*.[29] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-problema primarja kienet in-nuqqas ta' preżenza ta-konvenut fil-familja, tant li l-attriċi kienet tħossha ffrustrata, imdejqa u fis-solitudni. Għalhek il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-attriċi kienet

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.
[28] Dan ġie ukoll ikkonfermat in kontro eżami ta' W X, a fol 281: *"veru li kont ingergirlu li hija ma kienx jigi ghal okkazjonijiet talfamilja taghna"*.
[29] Fol. 30.

issib rifuġju fil-familjari tagħha. Fil-fatt, omm l-attriċi stess tgħid illi kienet iżżurha ħafna sabiex iżżommilha kumpanija u tgħinha f'dak li kien hemm bżonn. Madanakollu dan il-komportament u l-għajnuna tal-familjari tal-attriċi ma jistgħax jiġi mehud b'kuntest iżolat kif donnu qed jagħmel il-konvenut tant li jinterpretah bħala indħil, iżda għandu jittiehed fl-isfond tal-istorja kollha fejn jirriżulta amjpament ċar li l-familjari tal-attriċi kienu ta' spalla għaliha meta l-konvenut ma kienx ikun preżenti għall-attriċi u l-familja in ġenerali;

c. Pero' ta' min jinnota li minkejja li l-konvenut ma kienx ikun irid tant joħroġ u jqatta' ħin ma' familu, huwa ma kellu l-ebda problema li joħroġ waħdu ma' sħabu, inkluż ma' H I li skontu hija biss ħabiba *mechanic* li qisha raġel. F'dan ir-rigward, il-Qorti ukoll tinsab tal-fehma illi hemm indikazzjoni ċara illi l-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali mal-istess H I u dan permezz tal-konklużjonijiet tal-*private investigator* Q R mqabda mill-attriċi stess. Għalkemm huwa minnu li ma tresqet l-ebda prova dwar il-kwalifiċi u l-liċenjza tal-*private investigator* Q R, pero' l-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma tagħtix piż probatorju lix-xhieda tal-istess u r-rapport redatt minnha, stante li l-professjonalita' u kif ukoll ir-rapport tal-imsemmija Q R ma ġewx skreditati b'xi mod mill-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut kellu kull fakolta' li jressaq lil Q R in kontro-eżami, iżda dan naqas milli jagħmlu;

d. Magħdud mal-premess, il-Qorti tara li minkejja li l-konvenut kien iqatta' sigħat twal barra allegatament jaħdem, l-attriċi xorta waħda kienet dejjem bla flus u mingħajr affarijiet bażiċi. Il-Qorti tara li jispikka l-kumment ta' W I in kontro-eżami, fejn qalet *"Lil A kont naraha b'libsa mqatta u z-żarbun imqatta u kont immur ngħidlu u huwa kien jgħidli li l-flus mhux qed iservuna. Hi ma tahdimx u ghandna loan"*.[30] Tali verżjoni tikkonferma x-xhieda ta' omm l-attriċi,[31] kif ukoll tal-attriċi nnifisha li kienu verament neqsin mill-flus. Għalhekk meta l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tal-fatt li l-konvenut dejjem jaħdem, iżda l-attriċi ma kienx ikollha flus għaliha u għal uliedha, dan ifisser illi l-immaniġġjar tal-flus fil-familja ma kienx kif suppost, u minħabba dan l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi kellha tibda taħdem kemm fir-*restaurant* ta' oħtha kif ukoll tagħmel il-kejkiet mid-dar

[30] Fol. 282.
[31] Fol. 64.

sabiex taqla' lira. Fil-fatt in kontro-eżami, W X stess ikkonfermat li hi kienet ġieli xtrat xi kejkijiet minngħand l-attriċi.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta illi t-tifrik taż-żwieġ seħħ primarjament minħabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni, sapport u flus, nuqqas ta' kwalita' ta' ħin flimkien bħala koppja u/jew bħala familja, kif ukoll minħabba relazzjoni extra-matrimonjali da parti l-konvenut. Per konsegwenza, l-attriċi kellha ssib spalla mill-familjari tagħha, tant li kienu lesti li jgħinuha anke billi taħdem fir-*restaurant* ta' oħtha. Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-ġenituri tal-attriċi verament kienu jistmaw u jħobbu lill-konvenut daqslikieku kien binhom, għaliex altrimenti ma kienux jgħinu lill-partijiet finanzjarjament, kif wara kollox jammetti l-konvenut stess.[32] Madanakollu jirriżulta ċar illi għal tali għajnuna l-konvenut ma kienx grat, tant li minkejja li volontarjament kien jonqos lil martu mill-obbligi tiegħu bħala raġel, huwa issa qed jittenta jdawwar is-sitwazzjoni u jipponta subajgħ lejn l-istess ġenituri ta' martu u l-familja tagħhom li kienu kkapparraw d-dar matrimonjali tal-partijiet u għamluha qisha lukanda, u kif ukoll bdew jindaħlu inutilment. Dan juri l-karattru ingrat tal-konvenut, li jekk xejn ikompli jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti tara illi il-konvenut huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ abbażi ta' moħqrija, nġurji gravi u adulterju.

<u>*Il-Ħall taż-Żwieġ:*</u>

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Mill-atti jirriżulta illi l-attriċi resqet talba sabiex it-talba rigward is-separazzjoni personali tal-partijiet tiġi konvertita f'ħall taż-żwieġ u dan ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, għal liema talba l-konvenut rrimetta ruħu. Il-Qorti laqgħat it-talba permezz ta' digriet datat 2 ta' Awwissu 2019. F'dan l-istadju u dan sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

a. Fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

---

[32] Fol. 279, kontro-eżami tal-konvenut: *"Nammetti l-ġenituri tagħha għinuna kemm fi flus u anke d-dar pero' issa jridhom lura qal".*

b. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

c. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[33]

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

a. Il-partijiet isseparaw *de facto* tal-inqas minn meta bdiet il-kawża, u ċjoe' 5 ta' Marzu 2015, u b'hekk il-partijiet ilhom sitt (6) snin separati *de facto* minn xulxin;

b. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

c. Fir-rigward tal-manteniment, ma jidhirx li hemm pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet hekk kif l-attriċi lanqas biss resqet talba f'dan ir-rigward, u min-naħa l-oħra fir-rigward ta' manteniment għal minuri jidher li ma hemmx pendenzi ukoll għajr għal xi arretrati ta' spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta' ulied il-partijiet għal perjodu bejn Settembru 2015 sa April 2016, liema kwistjoni hija riżolta fis-sezzjoni ta' din is-sentenza li titratta l-manteniment għal minuri.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mresqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għal ksib tad-divorzju.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

[33] Il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġialadarba t-talba odjerna saret proprju fl-2016, il-liġi applikabbli għal każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Proprju għalhekk li l-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni tali rekwiżiti sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha jekk għandhiex tiġi akkolta *o meno* t-talba tal-attriċi.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ħtija primarja għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi fuq l-konvenut stante adulterju, moħqrija u nġurji gravi min-naħa tiegħu. Għaldaqstant u bis-saħħa tal-Artikolu 66E tal-Kodiċi Ċivili,[34] din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu erbat' (4) itfal, u ċjoe' D Buttiġieġ imwielda nhar it-3 ta' Awwissu 1993,[35] E B imwieled nhar it-22 ta' Ġunju 2001,[36] F B imwieled nhar it-18 ta' Lulju 2007,[37] u G B mwieled nhar il-25 ta' Lulju 2013.[38] Dan ifisser illi fil-prezent: (i) D B għandha tmienja u għoxrin (28) sena, hija maġġorenni u taħdem,[39] (ii) E B għandu wieħed u għoxrin (21) sena, huwa maġġorenni ukoll iżda ma huwiex magħruf jekk jinsabx f'impjieg jew qed jistudja fuq bażi *full-time*, (iii) F B li għandu erbatax-il (14) sena, għadu minorenni u student, u (iv) G B li għandu tmien (8) snin, għadu minorenni u student.

Għalhekk dak li jikkonċerna lil Qorti u dak li għandu jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri F u G, aħwa Butiġieġ, kif ukoll il-probabbli manteniment ta' E B. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-kura u kustodja fir-rigward ta' D u E, aħwa Buttiġieġ, kif ukoll tat-talba tal-manteniment fir-rigward ta' D B.

---

[34] *"Mingħajr ħsara għal dak provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista' tapplika mutatis mutandis kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48".*
[35] Fol. 6.
[36] Fol. 7.
[37] Fol. 8.
[38] Fol. 9.
[39] Ara fol. 39.

*<u>Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kra, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Ulied:</u>*

**L-Ewwel Rikors:**

a. Rikors tal-attriċi datat 23 ta' Lulju 2015,[40] fejn talbet lill-Qorti tiffissa manteniment *pendente lite*;

b. Risposta tal-konvenut datata 7 ta' Awwissu 2015,[41] fejn saħaq li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni tad-dħul attwali tiegħu;

c. Digriet datat 10 ta' Awwissu 2015,[42] fejn il-Qorti laqgħat it-talba u ordnat lill-konvenut iħallas manteniment ta' €450 kull erba' (4) ġimgħat għal tlett (3) itfal u dan oltre l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni;

**It-Tieni Rikors:**

a. Rikors tal-konvenut datat 2 ta' Novembru 2015,[43] fejn talab lill-Qorti sabiex takkordalu aċċess adegwat, kif ukoll sabiex tvarja id-digriet tagħha tal-10 ta' Awwissu 2015 billi tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' €400 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni;

b. Risposta tal-attriċi datata 13 ta' Novembru 2015,[44] fejn fir-rigward tal-aċċess hija tisħaq li ma tridx li xxekkel lill-ulied milli jqattgħu ħin ma' missierhom iżda tirrileva li l-konvenut ma ħa l-ebda interess f'uliedu f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li fir-rigward tal-manteniment hija oġġezzjonat għal tali talba;

c. Digriet tas-16 ta' Novembru 2015,[45] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba għal varjazzjoni fil-manteniment, filwaqt illi ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal sabiex tkellem lil minuri u tirrelata dwar il-kwistjoni tal-aċċess;

---

[40] Fol. 92.
[41] Fol. 95.
[42] Fol. 97.
[43] Fol. 113.
[44] Fol. 116.
[45] Fol. 125a.

d. Ir-Rapport ta' Dr Stephanie Galea datat 9 ta' Diċembru 2015,[46] fejn ġie konkluż illi: *"in kunsiderazzjoni tal-ahjar interessi u tax-xewqat tat-tfal, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' t-talba ta' CB fir-rikors tieghu tat-2 ta' Novembru 2015 li jkun jista' johrog lil uliedu kull nhar ta' Ġimgha bejn il-5.30pm u d-9pm. Pero l-esponenti hija tal-opinjoni li ghall-ewwel CB ikun jista' johrog lit-tfal imma ma jkunx hemm sleepovers fil-weekend sakemm it-tfal jidraw ikunu ma' missierhom mhux fil-prezenza ta' ommhom.. Ghalhekk titlob li fil-weekends l-access ikun b'mod alternattiv darba nhar ta' Sibt mill-4pm sas-7pm u darba l-Hadd mid-9.30am sa nofsinhar. Illi pero jekk kollox imur sew fl-access, u ladarba t-tfal irabbu l-kunfidenza mehtiega li jkunu ma' missierhom fil-prezenza ta' ommhom, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghal sleepover weekend iva u weekend le kif talab CB fir-rikors imsemmi"*;

e. Digriet datat 9 ta' Diċembru 2015,[47] fejn il-Qorti *"tilqa' t-talba sabiex ir-rikorrenti ikollu aċċess għal uliedu billi jiġborhom mid-dar u jerga' jirritornahom hemm nhar ta' Gimgha bejn l-5.30pm sad-9.00pm, izda l-Qorti tichad it-talba ghal 'sleepovers' f'dan l-istadju, u minflok takkorda access lil missier ghal uliedu, alternattivament, gimgha mis-Sibt mill-4:00pm sas-7:00pm, u l-gimgha ta' wara, il-Hadd mid-9.30am sa nofsinhar. Fil-weekend il-missier jigborhom mid-dar u jerga' jirritornahom hemm wara l-access"*;

**It-Tielet Rikors:**

a. Rikors tal-attriċi datat 16 ta' Marzu 2016,[48] fejn talbet lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet li jidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi stante nuqqas ta' ħlas ta' arretrati l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, kif ukoll li tordna lir-Reġistratur jibda proċeduri ta' disprezz fil-konfront tal-intimat;

b. Risposta tal-konvenut datata 25 ta' Mejju 2016,[49] fejn oġġezzjona għal tali talba;

---

[46] Fol. 127.
[47] Fol. 130.
[48] Fol. 167.
[49] Fol. 173.

c. Digriet datat 26 ta' Mejju 2016,[50] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba kif dedotta iżda *"tawmenta l-ammont ta' manteniment dovut ghat-tlett minuri b'mitt ewro fix-xahar sabiex b'hekk issa l-intimat irid ihallas lir-rikorrenti €550 fix-xahar, liema somma tinkludi n-nofs tieghu tal-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri"*;

**Ir-Raba' Rikors:**

a. Rikors tal-attriċi datat 4 ta' April 2017,[51] fejn talbet lill-Qorti sabiex tinnomina avukat tat-tfal sabiex tirrelata dwar l-aċċess li qed isir fil-preżeza ta' terzi differenti;

b. Risposta tal-konvenut datata 25 ta' April 2017,[52] huwa rrimetta ruħu għal-ġudizzju tal-Qorti;

c. Digriet datat 26 ta' April 2017,[53] fejn laqgħat it-talba u ħatret lil Dr Tanya Sammut Catania bħala Avukat tat-Tfal sabiex wara li titkellem mal-minuri tirrelata dwar it-talba tal-attriċi;

d. Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania ippreżentat 18 ta' Lulju 2017,[54] fejn ssuġġerit is-segwenti: *"1. Illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri tigi fdata f'idejn il-partijiet konguntivament b'mod illi t-tfal jirrisjedu mal-omm filwaqt illi l-missier jezercita l-access ghal uliedu bil-mod hawn aktar 'l isfel imsemmi; 2. Illi l-esponenti umilment tissuggerixxi illi kwalunkwe access ezercitat mill-missier ghat-tifel il-kbir E, tenut kont tal-fatt illi huwa ghandu sittax-il sena, ghandu jsir bi ftehim mieghu; 3. Illi fir-rigward taz-zewgt itfal l-ohra Kack u Ila qieghed jigi ssugerit illi l-access jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4:30pm u s-7:30pm u fil-week-end b'mod alternat nhar ta' Gimgha mill-5:00pm sal-ghada s-Sibt fil-5:00pm u l-gimgha ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-ghada l-Ħadd fil-5:00pm"*;

[50] Fol. 175.
[51] Fol. 179a.
[52] Fol. 181a.
[53] Fol. 183a.
[54] Fol. 184.

e. Digriet datat 19 ta' Lulju 2017,[55] fejn il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn il-partijiet b'mod konġunt, li l-aċċess fir-rigward ta' Steve għandu jseħħ biss bi ftehim mal-istess minuri, filwaqt li fir-rigward tal-aċċess ta' F u G, il-konvenut għandu jkollu aċċess kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4:30pm u s-7:30pm u fil-week-end b'mod alternat nhar ta' Gimgha mill-5:00pm sal-ghada s-Sibt fil-5:00pm u l-gimgha ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-ghada l-Ħadd fil-5:00pm;

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[56] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[57] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[58] u **K Dolores sive N Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[59] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja*

[55] Fol. 185.
[56] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[57] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[58] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[59] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

*tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**,[60]u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[61] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi

[60]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[61]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

*a. <u>Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri F u G, aħwa B:</u>*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali, tal-provi u l-konsiderazzjonijet tal-Perit Legali, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-preżent l-aħwa F u G B, għadhom

minorenni u b'hekk għadhom taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħhom. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilhom minn dejjem taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tagħhom, fejn jgħixu ma' ommhom filwaqt li għandhom aċċess adegwat ma' missierhom, il-Qorti tinsab konvinta li F u G B daħlu f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnfushom.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali illi l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun fdata esklussivament lill-attriċi. Lanqas ma taqbel mal-Perit Legali illi l-konvenut ma oġġezzjonax li l-mara jkollha l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha, hekk kif fir-risposta ġuramentata tiegħu fi premessa numru 3 huwa stess jgħid illi din għandha tkun konġunta iżda sempliċiment jaqbel li l-minuri jirrisjedu ma' ommhom. Għalkemm ġie ppruvat illi l-partijiet kellhom il-problemi fiż-żwieġ, min-naħa l-oħra ma hemmx provi li jistabbilixxu li l-konvenut qatt ma wera interess lejn uliedu, anzi mill-aħħar rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania ġie rrakkomandat illi l-kura u kustodja għandha tkun konġunta. Wara tali rapport, ma jirriżultax li kien hemm xi rikors da parti l-attriċi għal tibdil f'tali modalita', u b'hekk il-Qorti ma temminx li hemm lok li tiddisturba l-*modus vivendi* attwali tal-minuri.

Għalhekk il-Qorti tinsab konvinta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri F u G aħwa B għandha tkun vesitita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, b'dana illi ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tordna illi: (i) l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, (ii) id-deċiżjonijiet ordinarji ta' kuljum, kif ukoll dawk bażiċi relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, (iii) id-deċiżjonijiet straordinarji, li speċifikament jinkludu: (a) tibdil ta' skola, (b) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (c) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (d) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (e) applikazzjoni u jew tiġdid tal-passaporti tal-minuri, u (f) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet, u (iv) il-passaporti tal-minuri għandhom jinżammu mill-attriċi.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li fis-sitwazzjoni u minkejja li ma hemmx talba speċifika għal aċċess, ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili xorta waħda tara li jkun fl-interess suprem tal-minuri li jqattgħu ħin ma'

missierhom. Il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[62]

F'dan il-kuntest, il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali, u fin-nuqqas ta' nota konġunta tal-partijiet dwar l-arranġament tal-partijiet rigward l-aċċess u dan kif suġġerit mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, il-Qorti tasal għal konklużjoni li:

a. Fir-rigward ta' F B li fil-preżent għandu kważi ħmistax-il (15) sena, l-aċċess għandu jkun liberu b'dana illi għandu jifthiem hu ma' missieru meta għandu jsir l-aċċess; u

b. Fir-rigward ta' G B li fil-preżent għad għandu tmien (8) snin, il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tirregola tali aċċess u dan billi:

  i. Fost il-ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4:30pm u s-7:30pm fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollu l-vakanzi jiġi estiż sad-9.30pm;

  ii. Fi tmiem il-ġimgħa, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa mill-5:00pm sal-għada s-Sibt fil-5:00pm u l-gimgħa ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-għada l-Ħadd fil-5:00pm;

  iii. F'għeluq snin il-minuri: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, il-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-*isleepover* fil-

[62] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

iv. F'għeluq snin il-missier: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mill-Ġimgħa fis-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-isleepover għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

v. F'għeluq snin l-omm: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tlieta jew il-Ħamis meta jkun imissu l-aċċess il-konvenut, tali aċċess għandu jintilef b'dana li l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*isleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3pm sas-Sibt 7.30am, u għal dak il-*weekend* biss il-konvenut ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' ibnu l-Ħadd mill-11am sal-5pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

vi. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier, l-*isleepover* għal dak il-weekend ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5.30pm sal-5.30pm;

vii. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

viii. F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-25 ta' Diċembru sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5.30pm sas-26 ta' Diċembru sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari f'każ li l-Lejliet il-Milied u l-Milied jaħbtu bejn it-Tlieta u l-Ħamis, l-*isleepover* tal-weekend xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

ix. F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5.30pm sat-2 ta' Jannar

sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5.30pm sal-1 ta' Jannar sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn it-Tlieta u l-Ħamis, l-*isleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tordna ukoll li matul dan l-aċċess, u jekk ikun il-każ, il-minuri jista' jkun fil-preżenza ta' dik il-persuna li l-konvenut ikollu jew għandu relazzjoni stabbli, liema relazzjoni trid tkun ilha minn tal-inqas sentejn u liema persuna trid tkun ta' kondotta tajba. Minkejja li l-minuri jista' jkun fil-preżenza ta' dik il-persuna li magħha l-konvenut jista' jkollu jew għandu relazzjoni stabbli, qiegħed jiġi ordnat li l-minuri ma jistgħax jinġabar għall-aċċess u jitwassal lura d-dar għand ommu minn dik il-persuna li magħha jkollu jew għandu relazzjoni l-konvenut waħedha, iżda għandu jkun il-konvenut innifsu li jiġbor u jwassal lill-minuri, li f'tali mument jista' jkun akkumpanjat minn dik il-persuna li magħha jista' jkollu jew għandu relazzjoni stabbli. Madanakollu, il-Qorti twissi li fil-mumenti li jinġabar u jitwassal lura l-minuri, u kif ukoll matul l-aċċess, il-persuna li magħha jista' jkollu jew għandu relazzjoni il-konvenut, ma għandha bl-ebda mod tinvolvi ruħha dwar kif jiġi edukat, imwissi u kkoreġut il-minuri, iżda dan għandu jsir biss mill-konvenut u l-attriċi bħala l-ġenituri tiegħu. Barra minn hekk, fil-mumenti li jinġabar u jitwassal lura l-minuri, il-persuna li magħha jista' jkollu jew għandu relazzjoni l-konvenut, m'għandhiex toħroġ mill-karozza, tavviċina jew tkellem lill-attriċi, u dan sabiex ma jkunx hemm lok għal disgwid inutli li finalment jista' jagħmel ħsara lil minuri. Fi kwalunkwe każ, ksur ta' din l-ordni titqies bħala att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €550 fix-xahar għal tlett (3) minuri, u ċjoe' E, F u G B, liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess ulied. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs V Joseph Mifsud**,[63] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[64] għalmet illi:

[63] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[64] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[65] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[66]".".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-prova, u barra minn hekk mill-atti lanqas ma jidher illi tresqet prova tad-dħul tal-partijiet. Barra minn hekk, il-Perit Legali waslet għal konklużjoni illi l-manteniment għandu jiġi varjat minn dak kif ordnat permezz tad-digriet datat 26 ta' Mejju 2016, u ssuġġeriet illi tali manteniment għandu jkun ta' €250 għal kull wild kull xahar liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Madanakollu, il-Qorti tara li bħala prassi, l-inqas rata ta' manteniment li hija tordna hija dik ta' €200 kull xahar, u li magħhom żżid ukoll is-somma minima ta' €75 fix-xahar sabiex ikopru sehem dak il-ġenitur li jrid jivversa manteniment għall-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab marbuta dwar kemm għandu jkun il-manteniment vversat mill-intimat u b'hekk tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F u G B sakemm il-

[65] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[66] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

*b. <u>Il-Manteniment għal E B:</u>*

E B għandu wieħed u għoxrin (21) sena, u għalhekk huwa maġġorenni. Madanakollu mill-atti ma ġiex ippruvat jekk l-istess wild jinsabx f'impjieg jew inkella qiegħed jistudja fuq bażi *full-time*. Minkejja li ma tirriżulta l-ebda prova dwar is-sitwazzjoni attwarja ta' E B, fis-sens jekk hux qiegħed jaħdem jew jistudja fuq bazi *full-time*, b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti xorta għandha d-dmir li taċċerta ruħha li E B jieħu dak il-manteniment li huwa bid-dritt intitolat għalih f'każ li għadu jistudja fuq bażi *full-time* ġialadarba għadu ma għalaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena. Naturalment kien ikun ideali fiċ-ċirkostanzi kieku l-attriċi ressqet dik il-prova sabiex jiġi stabbilit x'qiegħed jagħmel E B fil-preżent sabiex b'hekk il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tassigura d-dritt futur għall-manteniment.[67]

Għalhekk, il-Qorti tordna li f'każ li E B għadu jistudja u b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Dan il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm E B jagħalq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild jagħżel li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

[67] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana vs. Claudette Camilleri**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata (Rik. Ġur Nru. 23/2015AL), u **Anita Mgro vs Kenenth Cassar**, deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar il-15 ta' April 2021, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 262/2014AL).

c. *Arretrati ta' Manteniment:*

Mill-atti jirriżulta li ġew sollevati żewġ kwistjonijiet, liema kwistjonijiet il-Qorti tħoss li għandha tindirizza fis-sentenza finali, u ċjoe': (i) Id-differenza fil-manteniment bejn dak imħallas *pendente lite* u dak kif rivedut fis-sentenza finali, u (ii) arretrati ta' spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta-minuri minn Settembru 2015 sa Mejju 2016.

*Fir-rigward tad-differenza fil-manteniment bejn dak imħallas pendente lite u dak kif rivedut fis-sentenza finali*, għalkemm din il-kwistjoni ġiet sollevata mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet, jidher li l-konvenut naqas milli jikkumenta dwar l-istess. F'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva illi din hija proċedura li ġieli ġiet segwita mill-Qorti tal-Familja. Fil-fatt issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey I pro et noe vs Daniel Schembri**,[68] liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-prinċipju ġie addottat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Veneziani noe vs. Dr Marc Sant**.[69]

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara illi *pendente lite* kien hemm:

i. Digriet tal-10 ta' Awwissu 2015 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment ta' €450 kull erba' (4) ġimgħat għal tlett (3) itfal u dan oltre għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni – b'hekk il-konvenut kien qed iħallas manteniment ta' €150 għal kull wild, u,

ii. Digriet tas-26 ta' Mejju 2016 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment ta' €550 fix-xahar għal tlett (3) itfal, liema somma tinkludi

[68] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2).
[69] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar is-27 ta' Jannar 2022, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 152/2016AL).

sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess tfal – b'hekk il-konvenut kien qed iħallas manteniment u spejjeż €183.33 fix-xahar għal kull wild.

Għaldaqstant il-Qorti tara li bħala manteniment *pendente lite*, sakemm ingħatat din is-sentenza, il-konvenut ħallas is-segwenti:

| | |
|---|---|
| Mill-10 ta' Awwissu 2015 sal-aħħar ta' Mejju 2016 | €4,500 (€450 x 10) |
| Mill-1 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2022 | €40,150 (€550 x 73) |
| **TOTAL** | **€44,650** |

Il-Qorti tissottolineja illi mill-atti ma jidhirx li minn Lulju 2019, u ċjoe' meta E B għalaq 18-il sena, il-konvenut waqaf iħallas sehem l-istess wild mill-manteniment. Għalhekk, il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-somma intiera.

Stabbilit il-premess u fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi is-somma ta' €200 f'manteniment b'esklużjoni għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-ulied, għandha tiġi applikata għal kull wild fix-xahar b'effett mis-6 ta' Marzu 2015 sa l-aħħar ta' Mejju 2016, u konsegwentament is-somma ta' €275 kif likwidata iktar 'il fuq f'din is-sentenza li tinkudi sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni għandha tiġi applikata b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016 għal kull wild fix-xahar. F'każ li E B mal-għeluq tat-18-il sena f'Lulju 2019 beda jaħdem fuq bażi *full-time*, jew inkella f'xi żmien wara 2019 iżda sa qabel/mal-għoti tas-sentenza beda jaħdem, tali manteniment għandu jkun ikkalkulat sa tali żmien.

*Fir-rigward ta' arretrati ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni minn minn Settembru 2015 sa Mejju 2016*, il-Qorti tara li l-Perit Legali kienet tal-fehma illi l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' €979.05 ċioe' sehemu mik-ispejjeż inkorsi f'tali perjodu. Il-Qorti tara li l-attriċi ppreżentat: (i) affidavits ulterjuri,[70] (ii) kopji ta' ittra bonarja fejn interpellat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €325.88 għal perjodu bejn Ottubru 2015 sa Diċembru 2015,[71] (iii) numru ta' rċevuti għal perjodu bejn Settembru u Diċembru 2015 li jammontaw għas-somma ta' €282.62,[72] (iv) numru ta' rċevuti oħra għal perjodu bejn Diċembru 2015 sa Frar

[70] Fol. 145, 157.
[71] Fol. 146.
[72] Fol. 148.

2016 li jammontaw għas-somma ta' €173.18,[73] (v) numru ta' rċevuti oħra għal perjodu bejn Marzu 2016 sa' April 2016 li jammontaw għas-somma ta' €183.72.[74] Oltre dawn l-irċevuti, l-attriċi tippretendi ukoll is-somma ta' €296.28 li ma huwiex magħruf għal liema perjodu saru tali spejjeż.[75] Min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq illi ma għandu jħallas xejn arretrati.[76]

Madanakollu, l-*onus* tal-prova qiegħed fuq il-konvenut li qiegħed jallega ħlas ta' pagament. Iżda mil-atti prova ta' dawn il-pagamenti ma jirriżultax, u għlhekk fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €639.52, liema soma ġiet ikkorraborata permezz ta' rċevuti.

**5. Manteniment lill-Attriċi:**

Fir-rapport tagħha l-Perit Legali tinkludi sezzjoni għal manteniment lil mara, fejn waslet għal konklużjoni illi l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' €150 fix-xahar bħala manteniment għaliha personali. Madanakollu l-Qorti ser tinjora tali sezzjoni u wisq anqas takkorda l-istess, stante illi l-attriċi ma resqet l-ebda talba f'dan ir-rigward fir-rikors promotur tagħha, altrimenti l-Qorti tkun qiegħda taġixxi *ultra vires*.

**6. It-Terminazzjoni, ix-Xoljiment, il-Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar il-25 ta' Marzu 2000, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet,[77] u dan ġialadarba ma ġiex ippruvat illi bejn il-partijiet qiegħed jadopera tip ta' reġim differenti.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

[73] Fol. 149.
[74] Fol. 158 – 165.
[75] Fol. 146.
[76] Fol. 280.
[77] Ara l-Att taż-Żwieġ bin-numru 328 tas-sena 2000, a fol. 5.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

a. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet, u ċjoe' l-partijiet għandhom iżommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom, u fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġunti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-ammonti jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Il-Qorti tosserva ukoll li dawk il-kontijiet li jinsabu intestati fuq isem l-attriċi iżda għan-nom ta' uliedha, dawn il-kontijiet għandhom jibqgħu miftuħin u jsejjħu liż-żewġ partijiet, fejn il-partijiet għandhom ikunu *both signatories* sabiex kull deċizjoni spettanti lill-istess kont tittieħed miz-zewġ partijiet b'mod ugwali, b'dana illi dan il-kontijiet jiġu minnufih trasferiti fuq isem l-ulied hekk kif dawn isiru maġġorenni. Fil-fatt fir-rigward tal-kont tal-bank għan-nom ta' D B u E B għandhom jinqalbu fuq isimhom;

b. *Fir-rigward ta' vetturi*, il-Qorti ukoll taqbel mal-Perit Legali illi ħadd mill-partijiet ma ressaq ix-xhieda ta' rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jiġi stabbilit x'vetturi hemm reġistrati fuq isem il-partijiet. Għalhekk kwalsiasi referenza għal vetturi ma tistgħax tittehed in konsiderazzjoni, hekk kif fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward, il-Qorti hija prekluża milli tinkludihom bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tiddeċiedi dwarhom;

c. *Fir-rigward tal-ewwel dar matrimonjali tal-partijiet kien maisonette u garaxx li jinsabu fi Triq il-Fiera l-Baħrija, mixtrija permezz ta' kunratt pubbliku datat 28 ta' Frar 2001 versu l-prezz ta' LM22,000 , u li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela*.[78] Is-somma ta' LM18,800 tħallset direttament mill-HSBC Bank Malta plc, filwaqt li l-bilanċ ta' LM3,200 tħallsu mill-partijiet. Jingħad illi l-partijiet isselfu mill-HSBC Bank Malta plc, is-somma globali ta' LM25,000, fejn is-somma ta' LM18,800 intużat għax-xiri tal-post in kwistjoni filwaqt li s-somma ta' LM6,200 kienet intiża sabiex isiru xi xogħolijiet fl-imsemmi fond. Fin-nota ġuramentata tagħha, l-attriċi saħqet illi missierha kien sellef lill-partijiet is-somma ta' €27,960 sabiex jixtru l-*maisonette* in kwistjoni.[79] Fl-affidavit tagħha, l-attriċi

[78] Fol. 41.
[79] Fol. 20.

tikkontendi illi missierha kien sellef lill-partijiet is-somma globali ta' LM12,200.[80] Konsegwentament, tali fond ġie mibjugħ nhar is-27 ta' April 2007 versu l-prezz ta' LM55,000, liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Naomi Micallef Mugliette.[81] Permezz ta' dan il-bejgħ, ir-rikavat intuża sabiex *in primis* inqatgħu: (i) il-*loan account* bin-numru 14120038 li kien għad fadallu l-bilanċ ta' LM33,102.27, (ii) il-*loan account* bin-numru 18700667 li kien għad fadallu l-bilanċ ta' LM12,588.50, u (iii) il-*loan account* bi-numru 19360066 li kien għad fadallu l-bilanċ ta' LM8,203.41.[82] Dawn is-somom flimkien jammontaw għal LM53,894.18;

d. *Fir-rigward tat-tieni dar matrimonjali bl-indirizz '8, D'Landas, Triq il-Kappella l-Qadima, il-Baħrija' u l-garaxx magħha, liema fond ġie akkwistat mill-partijiet nhar l-20 ta' April 2006 versu l-prezz ta' LM152,000 (ekwivalenti għal €354,160), liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza*.[83] Mill-imsemmi kuntratt jirriżulta: (i) *in primis* il-partijiet issellfu mill-HSBC Bank Malta plc is-somma ta' LM158,000, fejn is-somma ta' LM150,000 intużat għax-xiri tal-proprjeta', filwaqt li s-somma rimanenti ta' LM8,000 intużat għal bżonnijiet ulterjuri tal-partijiet, (ii) il-ġenituri tal-attriċi flimkien u solidament servew ta' garanti, fejn ippotekaw a favur il-bank il-beni kollha tagħhom preżenti u futuri, kif ukoll iskrivew ipoteka speċjali fuq il-fond bl-indirizz *'51, Le Mirage, Triq il-Kwarta, Swieqi, Ibraġġ limiti ta' San Ġiljan'*. Fin-nota ġuramentata tagħha kif ukoll fl-affidavit tagħha, l-attriċi tirrileva li din id-dar ġiet iffinanzjata hekk u ċjoe': (i) €60,910 (ekwivalenti għal LM26,149) li kien baqa' mill-bejgħ tal-*maisonette*, (ii) €223,680 (ekwivalenti għal LM96,025.82) mislufa minn missier l-attriċi, (iii) €76,890 (ekwivalenti għal LM33,009) mislufa mill-HSBC Bank Malta plc, u (iv) €20,000 (ekwivalenti għal LM8,586) mislufa minn missier l-attriċi għal bolol.[84] Missier l-attriċi, min-naħa l-oħra fl-affidavit tiegħu jikkonferma li sellef lill-partijiet is-somma ta' LM96,000 għax-xiri tal-post, is-somma ta' LM8,000 f'bolol, LM1570 bħala ħlas lin-Nutar, u kif ukoll LM15,200 bħala depożitu lil bejjiegħa tal-proprjeta' l-kopja X.[85]

[80] Fol. 39.
[81] Fol. 79.
[82] Ara xhieda tar-rappreżentant ta' HSBC Malta plc, a fol. 515.
[83] Fol. 56.
[84] Fol. 20, 39.
[85] Fol. 62, 266, 267, 275.

Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc,[86] jiġi spjegat illi kien hemm tlett (3) *loan account* abbinati mas-self tax-xiri ta' din id-dar, u ċjoe' dak bin-numru 14120038 fejn il-bank kien provda is-somma ta' LM33,000, ieħor bin-numru 14100246 fejn il-bank ipprovda s-somma ta' LM95,000, u ieħor bin-numru 13529288 fejn il-bank ipprovda s-somma LM30,000 – li flimkien jammontaw għal LM158,000. Ix-xhud tispjega illi meta kien għad jonqos LM95,000 u interessi, tali dejn inqata' mill-bejgħ tal-fond li kienet qed isservi ta' garanzija u ċjoe' *'51, Le Mirage, Triq il-Kwarta, Ibraġġ'*, liema bejgħ sar b'kuntratt datat 31 ta' Mejju 2016. Id-dħul minn tali bejgħ jidher li ġie depożitat fil-*loan account* tal-partijiet bin-numru 14100246 permezz ta' ċekk maħruġ mill-Lombard Bank. Dan jinsab ikkorraborat permezz ta' *bank statement,*[87] kif ukoll b'*deposit slip* li turi c-ċekk depożitat kien fil-fatt tal-Lombard Bank.[88]

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali illi l-konvenut għandu jassenja sehmu lill-attriċi, u wara li jitnaqsu l-krediti parafernali tal-mara, din tal-aħħar tgħaddilu nofs il-bilanċ rimanenti. Is-somom li ħareġ minn butu missier l-attriċi, flimkien ma' martu, kienu biss self lill-partijiet u mhux donazzjonijiet lil binthom. Fil-fatt dan jiġi kkorraborat bil-fatt illi l-attriċi, kif ukoll missierha dejjem użaw il-kelma self u qatt ma użaw il-kelma donazzjoni. Barra minn hekk f'xhieda partikolari ta' missier l-attriċi u b'referenza għal somma partikolari ta' LM10,000 huwa saħaq illi huwa jiċħad li ta tali somma bħala donazzjoni iżda kien sellifiha lill-partijiet. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali illi tali somom għandhom jiġu kklasifikati u kkunsidrati bħala krediti parafernali tal-attriċi, iżda għandhom ikunu meqjusa bħala krediti li jinkombu fuq il-komunjoni tal-akkwisti u li ż-żewġ partijiet *in solidum* iridu jagħmlu tajjeb għalihom. B'hekk sabiex jitħallsu dawn il-krediti, bħal kwalunkwe dejn ieħor gravanti fuq il-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tara idoneju illi d-dar matrimonjali tinbiegħ fis-suq miftuħ sabiex b'hekk kull parti tieħu sehemha. Magħdud ma' dan il-Qorti tara li skont rapport tal-Perit maħtur mill-Qorti, Dr Robert Musumeci, jirriżulta li tali fond matrimonjali għandu valur ta' €550,000.[89]

[86] Fol. 210, 515.
[87] Fol. 221, 530.
[88] Fol. 220.
[89] Fol. 798.

In vista li ma saret l-ebda talba formali sabiex l-attriċi tibqa' tirrisjedi b'mod temporanju fid-dar matrimonjali u dan kif jeżiġi Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara li tenut kont tal-premess, il-proprjeta' in kwistjoni għandha titpoġġa immedjatament għall-bejgħ fis-suq miftuħ bl-għamara li hemm fih, bi prezz li ma għandux ikun inqas minn €550,000, b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi. Mir-rikavat għandhom jitnaqqsu s-segwenti krediti:

a. Kwalsiasi dejn pendenti li għandhom il-partijiet flimkien mal-HSBC Bank Malta plc u li sar fiż-żwieġ;

b. Is-somma ta' €34,940.60 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma ġiet imħallsa abbażi self lill-kopja X bħala depożitu għax-xiri tad-dar matrimonjali mill-partijiet u dan għan-nom tal-istess partijet;

c. Is-somma ta' €221,291 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma ġiet mislufa lill-partijiet sabiex jinqata' il-*loan account* bin-numru 14100246 abbinat max-xiri tad-dar matrimonjali tal-partijiet;

d. Is-somma ta' €3,657.12 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma ġiet imħallsa abbażi self lin-Nutar Dr Victor John Bisazza għan-nom tal-partijiet;

e. Is-somma ta' €8,873.76 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma hija rappreżentanti 28 pagament ta' €316.92 magħmula lill-HSBC Bank Malta plc għan-nom tal-partijiet;[90]

[90] Pagamenti li saru a fol. 603, 616, 651 – 653, 655, 658 – 677, 651.

f. Is-somma ta' €264.24 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma hija rappreżentanti pagament wieħed tal-*life insurance* fuq il-*home loan* imħallas għan-nom tal-partijiet għas-sena 2016;[91]

g. Is-somma ta' €155.13 lil O P detentur tal-karta tal-identita' Maltija 578354M u S P detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 190757M, ossija l-ġenituri tal-attriċi, liema somma hija rappreżentanti pagament wieħed tal-*insurance* fuq id-dar matrimonjali imħallas għan-nom tal-partijiet għas-sena 2016;[92]

h. Is-somma ta' €12,359.88 lill-attriċi, mis-somma globali ta' €24,719.76, rappreżentanti sehmu mill-ħlas tal-pagamenti mensili ta' €316.92 li l-attriċi ħalset lill-HSBC Bank Malta plc sa minn Settembru 2014, u dan ad esklużjoni tas-somma ulterjuri ta' €8,873.76 li ħallsu esklussivament il-ġenituri tal-attriċi għan-nom tal-partijiet kif spjegat hawn fuq;[93]

i. Is-somma ta' €924.84 lill-attriċi, mis-somma globali ta' €1,849.6, rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ħlas tal-pagamenti annwali ta' €264.24 tal-*life insurance* fuq il-*home loan* għal perjodu minn 2015 sal-preżent, iżda ad esklużjoni tas-sena 2016 li ġiet imħallsa mill-ġenituri tal-attriċi għan-nom tal-partijiet;[94]

j. Is-somma ta' €542.96 lill-attriċi, mis-somma globali ta' €1,085.91, rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ħlas tal-pagamenti annwali ta' €155.13 tal-*insurance* fuq id-dar matrimonjali għal perjodu minn 2015 sal-preżent, iżda ad esklużjoni tas-sena 2016 li ġiet imħallsa mill-ġenituri tal-attriċi għan-nom tal-partijiet;[95]

---

[91] Fol. 654.
[92] Fol. 656.
[93] Il-konvenut stess fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2018 iddikjara illi ilu minn Settembru 2014 ma jħallas ebda pagament fil-*house loan* u l-*insurances*.
[94] *Ibid.*
[95] *Ibid.*

k. Is-somma ta' €639.52 lill-attriċi, rappreżentanti arretrati ta' spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta' uliedhom li baqgħu ma ġewx imħallsa mill-konvenut;

l. Dik is-somma kkalkulata dwar id-differenza fil-manteniment, b'effett mis-6 ta' Marzu 2015 sakemm din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, skont kif spjegat fit-taqsima numru erba' (4) ta' din is-sentenza;

m. Is-somma ta' €20,000 għandha tiġi assenjata lill-attriċi sabiex tkopri:

(i) Sehemha mid-dħul tal-konvenut sa minn Marzu 2015 u ċjoe' meta bdiet il-kawża, liema dħul l-attriċi ma gawdietx minnu stante li l-konvenut kien f'relazzjoni ma' ħaddieħor, u kif ukoll,

(ii) Xorta ta' kumpens għall-moħqrija, inġurji gravi u adulterju li kellha tgħaddi minnu l-attriċi, kif ukoll għat-tbatija, is-sagrifiċċju u l-impenn li uriet matul dawn is-snin taż-żwieġ filwaqt li żewġha kien qiegħed jonqos lill-attriċi bl-infedelta' u kif ukoll milli jieħu ħsieb il-familja;

n. Il-bilanċ rimanenti tar-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tissottolineja illi hija ma ħdietx in konsiderazzjoni tal-krediti allegat a favur O u S, konjuġi P, fis-somom ta': (i) LM12,200 allegatament mislufa lilhom għax-xiri tal-ewwel fond matrimonjali,[96] (ii) tal-LM8,000 allegatament mislufa lilhom għal ħlas tal-bolol relatati mat-tieni dar matrmonjali, u (iii) €1,691 mħalsa minnhom għan-nom tal-partijiet f'pagamenti ta' *bridge loan* ta' 366 fix-xahar fil-perjodu bejn Ġunju 2005 u Mejju 2006, stante li f'dan ir-rigward ma tresqet l-ebda prova oġġettiva.

Magħdud mal-premess, mill-atti ma ġiex ippruvat illi kien hemm xi assi parafernali li kellhom jiġu restitwiti lill-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għalhekk għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentament tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija attribwibbli unikament lill-konvenut stante moħqrija, inġurji gravi u adulterju;

2. Tiċħad it-tieni talba, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F u G aħwa B għandha tkun vesitita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, b'dana illi ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tordna illi: (i) l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, (ii) id-deċiżjonijiet ordinarji ta' kuljum, kif ukoll dawk bażiċi relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, (iii) id-deċiżjonijiet straordinarji, li speċifikament jinkludu: (a) tibdil ta' skola, (b) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (c) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (d) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (e) applikazzjoni u jew tiġdid tal-passaporti tal-minuri, u (f) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet, u (iv) il-passaporti tal-minuri għandhom jinżammu mill-attriċi; tordna ukoll u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili illi l-konvenut għandu jkollu aċċess versu l-minuri kif elenkat fit-taqsima numru erbgħa (4) ta' din is-sentenza li titratta l-"*Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri"*; il-Qorti qed tastjeni milli f'dan ir-rigward tiddeċiedi dwar aċċess għal D u E B stante li fil-preżent huma ormai maġġorenni;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u dan fir-rigward ta' E, F u G B, u tordna lill-konvenut sabiex:

    a. Fir-rigward ta' F u G B, iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas

manteniment għal F u G B sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom;

b. Fir-rigward ta' E B, f'każ li għadu jistudja fuq bażi *full-time,* b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Dan il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm E B jagħalq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild jagħżel li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

5. Tilqa' l-ħames u s-sitt talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dana illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provediment tas-sitt (6) taqsima ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, ix-Xoljiment, il-Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali*", filwaqt li tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-att relattiv għal bejgħ tad-dar matrimonjali, kif ukoll lil Dr.

Yanika Bugeja u l-Prokura legali Veronica Rossignaud bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq il-kuntratt;

6. Tiċħad is-seba' talba;

7. Filwaqt li tiddikjara li n-numru progressiv tal-Att taz-Żwieġ tal-partijiet huwa 328 tas-sena 2000, tordna illi lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta din id-deċizjoni tkun "*res judicata*", javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur